# IL-ĦAJJA f'Għawdex

April 2001

Nru. 828



Rebbieħ fuq il-Mewt

# Mal-Mulej fil-Ġimgħa Mqaddsa!

# IRRIFLETTI AKTAR... ITLOB AĦJAR...










## TLIET KOTBA ĠODDA MILL-

## LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

- **L-AĦĦAR ĠIMGĦA TA' ĠESÙ** - *Mons. Lawrenz Sciberras, It-Tielet Edizzjoni, pp. 172, 16 il-paġna bil-kulur, Lm3.*
- **LEJN IL-KALVARJU** - *Fr. Lawrence Lovasik, S.V.D. u Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, pp. 48, pocket-size, 30ċ.*
- **IL-PJAGI TA' KRISTU** - *Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, pp. 32, pocket-size, 25ċ.*

## TIBQAX MINGĦAJRHOM !

*Issibhom għand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u f'Għawdex.*

## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Rebbieħ fuq il-Mewt • 12
Għawdex 300 sena ilu –
L-Uffiċċjali tar-Riġment il-Ġdid • 17
Riflessjonijiet fuq Sibt il-Għid • 18
L-Għid il-Kbir
u l-Misteru ta' Kristu Rxoxt • 20
Bookmark • 22
Poeżija - Randan 2001 • 23
Il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid
il-Kbir fil-Mużika Klassika • 24
Rajna il-Knisja tinbet fl-Albanija • 26
It-Talb u l-Għolja ta' Għammar • 30
Mill-Knisja fid-Dinja • 31
Drawwiet Missirijietna –
Il-Mara fil-Folklor Għawdxi (4) • 32
Wirt Gżiritna –
Il-Mużew tal-Folklor (1) • 34
Ftit Togħma Tajba • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 828**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

*Amministrazzjoni:*
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
*e-mail:* **lumenchristi@waldonet.net.mt**
*homepage:*
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament : Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** *Lumen Christi Media Centre*
**Stampata:** *"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex*
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fl-15 ta' Marzu 2001.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Ir-Redentur (Parroċċa Katidral)
u l-Irxoxt (Parroċċa San Ġorġ)


# EDITORJAL



## NIFTHU JEW MA' NIFTHUX?

*Taqbel li l-ħwienet kollha jiftħu nhar ta' Ħadd jew ma taqbilx? Kontroversja li mhux la kemm issibilha soluzzjoni malajr. Jaqbel li qabel niddeċiedu niċċaraw ċerti punti.*

*Bħala pajjiż nisrani rridu nagħtu importanza lit-tagħlim nisrani biex imbagħad nieħdu kunsiderazzjoni ta' x'irid il-poplu. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħid li l-ħajja tal-bniedem għandha tkun imqassma f'ħin ta' xogħol u ta' mistrieħ. L-istituzzjoni ta' Jum il-Mulej tgħin biex kulħadd igawdi żmien ta' mistrieħ u ta' rikreazzjoni biżżejjed, biex ikun jista' jieħu ħsieb xieraq tal-ħajja tiegħu familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża.*

*It-tqaddis tal-Ħadd u tal-ġranet l-oħra ta' festa jitlob sforz minn kulħadd flimkien. Kull nisrani għandu jfittex li ma jitlobx bla bżonn minn ħaddieħor kull ma jista' jfixklu milli jħares Jum il-Mulej. Meta xi drawwiet (sport, ristoranti, eċċ) jew servizzi soċjali (servizzi pubbliċi u l-bqija) jitolbu xogħol f'jum il-Ħadd, tibqa' r-responsabbilita' li wieħed ifittex li jkollu xi ħin liberu.*

*Quddiem dawn il-kunsiderazzjonijiet nifhmu li m'għandniex nippretendu li tal-ħwienet insibuhom dejjem miftuħa kull x'ħin jiġina l-bżonn li nixtru xi ħaġa. Wieħed għadnu jaħseb jixtri fil-ġranet l-oħra. L-istess ngħidu għall-ħaddiema li għandu jkollhom jum ta' mistrieħ għalihom u għall-familja tagħhom. M'għandhomx, għall-qligħ tal-flus, jissagrifikaw l-interessi soċjali tal-familja. Anke stabbilimenti kbar għandhom jirrispettaw il-ħaddiema impjegati magħhom u mhux biss iħallsuhom kif suppost meta jħaddmuhom nhar ta' Ħadd, imma jħalluhom liberi li jagħżlu minn ragħajjhom jekk jidħlux għax-xogħol jew le.*

*Aħna ċerti li max-xogħol tal-Ħadd hija marbuta l-istabbilita' tal-familja u l-ġid ta' l-ulied speċjalment meta jkunu għadhom żgħar. Naħsbuha sew qabel nitkellmu u niddeċiedu.*




### *Ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni tal-Papa Piju IX*





Fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni tal-Papa Piju IX il-patrijiet Franġiskani Konventwali organizzaw ġimgħa ta' attivitajiet. Nhar is-Sibt 3 ta' Frar ittellgħet Akkademja Mużiko - Letterarja taħt il-patroċinju ta' l-Isqof Cauchi bis-sehem tal-korijiet Chorus Urbanus u l-kor Laudate Pueri. Patri Serafin Borg qara d-diskors li kien kiteb il-mibki Kan. Nikol Vella Apap. L-għada l-Ħadd 4 ta' Frar Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.

### *Mons. Isqof iqaddes fil-Qbajjar*

Fl-okkażjoni ta' l-għaxar sena mill-inawgurazzjoni ta' statwa tal-Madonna fejn il-*pitches* tal-boċċi fil-Qbajjar, Mons. Isqof qaddes quddiesa għal dawk l-irġiel kollha li jiffrekwentaw dawn in-naħat.

### *Festa ta' San Ġwann Bosco*

Nhar il-Ħadd 4 ta' Frar l-Isqof qaddes fil-kappella ta' l-Oratorju Don Bosco fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Bosco. Filgħaxija imbagħad, saret purċissjoni fit-toroq tal-madwar bl-istatwa tal-qaddis.

### *Laqgħa tal-kumitat tat-tħejjija għal miġja tal-Papa*

Nhar it-Tnejn 5 ta' Frar fin-Nunzjatura ta' Malta saret laqgħa ta' tħejjija għall-miġja tal-Papa f'Malta. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Merċieca, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Cauchi, in-Nunzju Apostoliku Mons Luigi Gatti kif ukoll il-Kardinal Mons. Tucci. Matul din il-laqgħa ġie preparat il-programm għall-miġja tal-Papa f'Malta.

### *Jum il-morda*

Nhar il-Ħadd 11 ta' Frar fid-djoċesi ta' Għawdex kien ċelebrat Jum il-Morda. Filgħodu Mons. Isqof qaddes quddiesa f'Ta' Pinu għall-morda u l-anzjani kollha. Aktar tard matul il-ġimgħa Mons. Isqof żar lill-morda fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u taħom tifkira ta' l-okkażjoni.

### *Seminar għall-għalliema tas-Seminarju Minuri.*

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar fl-*Imġarr Hotel* inżamm seminar għall-għalliema tas-Seminarju Minuri.



Matul dan is-seminar l-għalliema iltaqgħu mas-surmast il-ġdid Dun Manwel Magro u offrew rigal ta' apprezzament lis-surmast preċedenti Dun Effie Masini. Is-seminar intemm b'quddiesa minn Mons Isqof.





## *Festa tal-Madonna tal-Fiduċja.*

Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Fiduċja nhar is-Sibt 24 ta Frar, Mons Isqof qaddes quddiesa għand l-Ispigolatriċi fi Triq Ġnien Xibla x-Xagħra, fil-kappella dedikata lill-Madonna taħt dan it-titlu.





## *Jum l-Isqof*





Din is-sena, Jum l-Isqof kien ċelebrat fil-Bażilika Ta' Pinu minflok fil-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb fejn kien isir fis-snin ta' qabel. F'din l-okkażjoni, nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu sar pellegrinaġġ tar-Randan minn ħdejn is-siġra ta' l-Għarb għas-Santwarju Ta' Pinu, u matul il-pellegrinaġġ ġiet reċitata l-Via Crucis meħuda mill-kitbiet ta' Dun Ġorġ Preca. Wara, Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu. Sar ukoll talb għas-suċċess tal-Viżta Pastorali u għaż-żjara li l-Papa sejjer jagħmel f'Malta.

## *Ftuħ tas-7 Viżta Pastorali*

Is-7 Viżta Pastorali fetħet nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu fil-Katidral ta' Għawdex. Fil-funzjoni tal-bidu Mons. Isqof bies is-salib imqaddes, imbagħad kompla l-purċissjoni tal-bidu tal-quddiesa. L-omelija kienet riflessjoni fuq il-kelmiet ta' Kristu: "mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem". Malli ntemmet l-omelija Mons. Carmelo Hili, Kanċillier tal-Viżta, qara l-editt, u mbagħad qabel it-Talba tal-Fidili, is-saċerdoti kollha preżenti ġeddew l-wegħdiet saċerdotali tagħhom. L-isqof fi tmiem il-quddiesa bierek l-oqbra u talab għall-mejtin. Fl-aħħar huwa ta lil dawk preżenti l-barka papali bir-rebħ ta' l-indulġenza plenarja.

# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## Fr. Carm Mifsud - 50 Sena Saċerdot



Fr. Carm Mifsud SDB kien il-mistieden tal-*Past Pupils* Sależjani fergħa t'Għawdex flimkien ma' l-*Old Boys* ta' l-Oratorju Don Bosco fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mis-saċerdozju tiegħu. Fr. Mifsud ħadem ħafna b'risq l-Oratorju Don Bosco. Il-Ħadd 14 ta' Jannar saret quddiesa biex tfakkar dan l-anniversarju. F'din iċ-ċirkostanza, ikkonċelebra wkoll Fr. Savio Vella. Fi tmiem il-quddiesa, is-Sur Anton Mizzi, President tal-*Past Pupils* ippreżenta ikona tal-Madonna lil Fr. Mifsud bħala tifkira. Wara saret ikla f'restorant. Fir-ritratt jidhru l-*past pupils* ta' l-Oratorju flimkien ma' Fr. Carmelo Mifsud SDB.



## Karnival f'Għawdex

Din is-sena l-karnival inżamm bejn il-Ġimgħa 23 sat-Tlieta 27 ta' Frar. Il-karnival f'Għawdex fetaħ bil-karnival tat-tfal fil-Kumpless Sportiv ta' Għawdex. Imbagħad kompla matul il-jiem u laħaq il-qofol tiegħu t-Tlieta 27 ta' Frar permezz ta' kompetizzjonijiet ta' żfin, defilè u gran finale ġewwa Victoria. Il-karnival kien iċċelebrat ukoll f'irħula oħra fosthom fin-Nadur (ritratt).



## Kotba għal Skola

Il-Kunsill Lokali tal-Qala xtara mitt ktieb sabiex dawn jiġu nseriti fil-librerija tal-lokal, li minn Mejju 2000 għaddiet f'idejn il-Kunsill Lokali. Din l-inizjattiva li ħa l-Kunsill Lokali tagħmel parti mill-ftehim li l-Kunsill iffirma flimkien mad-Dipartiment tal-Libreriji sabiex il-librerija tal-lokal tiġi attrezzata b'aktar kotba moderni. Fil-preżent, il-librerija ta' l-iskola qed tinfetaħ erba' darbiet fil-ġimgħa u jumejn minnhom matul il-ħin ta' l-iskola ħalli l-għalliema jkunu jistgħu jieħdu t-tfal fil-librerija. Hemm pjanijiet li l-librerija tiġi kompjuterizzata u jiddaħħal ukoll is-servizz ta' l-*internet*.

## *Diskussjoni*




Is-sehem ta' l-Industrija, kummerċ, agrikoltura, sajd u xogħol kien is-suġġett diskuss waqt laqgħa għall-pubbliku organiżżata mill-MAS fid-Dar Ċentrali l-Ġimgħa 23 ta' Frar. Taw il-veduti tagħhom f'din id-diskussjoni li kellha bħala *chairman* lil Victor Cauchi, is-sinjuri Franco Masini, Marcel Bonnici, George Agius u s-sinjura Consiglia Azzopardi.



## *Shakespeare f'Għawdex*

L-*Astra Dramatic Company* preżentat fit-Teatru Astra "*Romeo u Guljetta*" tal-magħruf drammaturgu Ingliż William Shakespeare s-Sibt 3 ta' Marzu. Il-*play* inqalbet għall-Malti minn Alfred Palma. Din kienet l-ewwel darba li fil-gżira Għawdxija saret *play* ta' Shakespeare bil-Malti. *Cast* ta' madwar sittin ruħ ħadu sehem, taħt id-direzzjoni ta' Mario Tabone. Oliver Farrugia u Marion Zammit (ritratt) ħadmu l-partijiet ewlenin ta' Romeo u Ġuljetta. Għall-istess okkażjoni, fil-*foyer* tat-teatru Astra ttellgħet wirja tal-pubblikazzjonijiet kollha li ħarġu mill-pinna tal-kittieb Malti Alfred Palma.

## *Fondazzjoni Dorthese Ellis*



Fil-lukanda Imġarr f'Għajnsielem nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu sar l-iffirmar ta' kuntratt għat-twaqqif tal-Fondazzjoni Dorthese Ellis. Quddiem in-Nutar Paul George Pisani u x-xhieda l-i*Speaker* tal-Kamra tal-Parlament is-Sur Anton Tabone u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, iffirmaw missier u omm Dorthese, Anthony u Marija, bħala fundaturi. Ittellgħet ukoll serata mmexxija minn Peppi Azzopardi. Marija, omm Dorthese tat ħjiel ta' kif oriġinat din l-ideja tal-Fundazzjoni. Kelmtejn oħra saru mill-President tal-Fondazzjoni, Dr. Anton Grech. Nyam Ellis qrat poeżja u nstemgħet kanzunetta oriġinali li kienet kitbet Dorthese. Il-Chorus Urbanus, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea ta numru ta' siltiet mużikali. L-għeluq sar mill-Ministru għal Għawdex, Ġiovanna Debono.



## *Rapport Dettaljat*

Nhar it-Tnejn 5 ta' Marzu il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz ippreżenta rapport dettaljat li jinkludi sottomissjonijiet dwar l-immaniġjar aħjar ta' l-*Inland Sea* u d-Dwejra, liċ-*Chairman* ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar, il-Perit Chris Falzon, fil-preżenza tad-Direttur, il-Perit Godwin Cassar. Ir-rapport ikkummissjonat mill-Kunsill lill-kumpanija Cachia, Formosa u Said, għandu jitqies bħala gwida għall-awtoritajiet u wkoll bħala l-ewwel pass għal pjan serju ta' *management* tas-sit.

## Laqgħa ta' Diskussjoni




Il-Moviment Azzjoni Soċjali nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu organiżża sessjoni ta' riflessjoni u diskussjoni dwar iż-żgħażagħ fis-sala tal-MAS fir-Rabat. Wara introduzzjoni miċ-*chairman* Antoine Vassallo, Alfred Gerch qara paper li pprepara Dun Giovanni Curmi dwar iż-żgħażagħ u l-istudju, id-divertiment, ix-xogħol, l-impenn soċjali u l-knisja. Saru wkoll interventi minn aspetti oħra minn Joe Grech, Lorrie Saliba u Swor Elsa Gretter. Intqal fost ħwejjeg oħra, li ż-żgħażagħ huma ġenerużi, imma għandhom bżonn ta' aktar *leaders*.

## Sister Act

Fuq inizjattiva tal-Għaqda Żgħażagħ Leone, il-Ħadd 11 ta' Marzu filgħaxija fit-Teatru ta' l-Opra Aurora, ġiet imtella' *Sister Act* bil-parteċipazzjoni ta' Claudette Pace.



## Wirja

Fis-sala tal-Wirjiet fi Pjazza San Franġisk, Victoria bejn is-Sibt 10 u t-Tnejn 19 ta' Marzu ttellgħet wirja ta' xogħolijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Ġimgħa Mqaddsa. F'din il-wirja, mtella' mill-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira, ġew esebiti 'l fuq minn 75 biċċa xogħol magħmula lokalment minn tafal u kartapesta, minn 25 dilettant jew artist Għawdxi. Il-wirja kienet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex u tbierket mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi l-Arċidjaknu Mons. Giovanni B. Gauci. Il-Ministru Debono ġiet imdawwra mal-wirja minn George Cassar (ritratt) tal-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira.

## Skambju

Grupp ta' sittax-il student minn Għawdex akkumpanjati mill-għalliema tagħhom Frankie Muscat u Vivienne Camilleri Fischer telqu lejn l-Awstrija għal skambju skolastiku bħala parti minn proġett tal-lingwa taħt il-programm *Comenius*. Dawn telqu l-Ħadd 11 ta' Marzu. F'Novembru, grupp ta' studenti mill-iskola *Haydn Real-Gymnasium Wien V.* mill-Awstrija kienu ġew Għawdex sabiex jitgħallmu iktar dwar il-lingwa Maltija u l-ħrejjef u l-leġġendi tal-gżira Għawdxija.

## Programm Mużikali

Fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-mewt tal-kompożitur taljan Giuseppe Verdi, fit-Teatru Astra, is-Sibt 24 ta' Marzu, filgħaxija, il-Baned Ċittadini Konti Ruġġieru tar-Rabat ta' Malta u dik La Stella tar-Rabat, Għawdex daqqew flimkien taħt id-direzzjoni ta' Profs. Joseph Vella. Indaqqu diversi xogħlijiet fosthom sinfonija Giovanna d'Arco, fantasija La Traviata u Rigoletto u selezzjoni minn Macbeth. Ippreżenta l-programm Charles Arrigo.

## Unur mill-Gvern Franċiż lil Għawdxija

Dan l-aħħar Mrs. Maria Daly ġiet onorata bid-dekorazzjoni ta' *Chevalier dans l-ordre des Palmes Acadèmiques* mill-Gvern Franċiż. Mrs. Daly ġiet mogħtija din id-dekorazzjoni wara li diversi ambaxxaturi Franċiżi studjaw il-ħidma tagħha bħala għalliema tal-Franċiż fl-iskola Agius De Soldanis. Matul il-karriera tagħha bħala għalliema, Mrs. Daly attendiet għal diversi korsijiet universitarji fi Franza. Permezz tal-kuntatti li żżomm ma' diversi istituzzjonijiet kulturali Franċiżi, Mrs. Daly irnexxielha tippreżenta diversi kotba u materjal skolastiku lill-iskejjel f'Malta u Għawdex. Mrs. Daly hija l-ewwel Għawdxija li ġiet mogħtija din id-dekorazzjoni.

## Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali

Is-Sibt 10 ta' Marzu saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f'sitt lokalitajiet Għawdxin. Dawn huma San Lawrenz, Żebbuġ, Qala, Kerċem, Munxar u Xagħra. Dawn huma l-kandidati eletti f'kull lokalita`:

## SAN LAWRENZ


Camenzuli Lawrence (MLP)


Cauchi Raymond (PN)


Formosa Noel (PN)


Grima Luiga (PN)


Micallef Joseph (PN)

## ŻEBBUĠ


Bajada Joseph (PN)


Camilleri Joseph (MLP)


Cefai Michael(PN)


Debono Harry (PN)


Saliba Carmelo (PN)

## QALA


Buttigieg Paul (PN)


Camilleri Anthony (MLP)


Falzon Ivan (MLP)


Grech Victor (PN)


Portelli Angela (PN)

## KERĊEM


Azzopardi Raymond (MLP)


Camilleri Frankie (PN)


Grech Saverio (MLP)


Grima Joseph (PN)


Sciberras Peter Paul (PN)

*ikompli f'paġna 29*




## Ħajr lin-nisa Għawdxin

Dan l-aħħar sar studju mill-Università ta' Malta, ikkummissjonat mill-Kummissjoni għall-Avvanz tan-Nisa u ppreżentat lill-onorevoli Lawrence Gonzi, dwar is-sehem tal-mara, spiss moħbi, fl-ekonomija nazzjonali. Minn dan l-istudju wieħed jifhem l-importanza tal-mara mhux biss fl-ekonomija ta' pajjiżna imma wkoll fis-soċjetà Maltija. Tajjeb wieħed jifli dak li r-rapport jgħid dwar in-nisa Għawdxin.

F'konfront man-nisa Maltin, in-nisa Għawdxin għandhom livell akkademiku ogħla; minkejja dan, u l-possibiltajiet akbar ta' xogħol u ta' kwalità ogħla ta' xogħol, in-nisa Għawdxin jippreferu jagħżlu "*ix-xogħol tad-dar*". "*The women in Gozo are strongly dedicated to family responsibilities, particularly child care. House chores rate as secondary to being of service to others.*" Aħna nirringrazzjaw lil Alla u lin-nisa tagħna għal dan id-don li għandna fil-familji tagħna. Filwaqt li napprezzaw u nifhmu wkoll l-importanza tas-sehem dirett tal-mara fis-suq tax-xogħol, qatt ma nieqfu ngħidu li m'hemmx investiment aqwa għas-soċjetà tagħna mill-investiment fil-familja. Hu għal dan li l-Knisja, anke f'pajjiżna, ġie li nsistiet li x-xogħol tad-dar tan-nisa għandu jiġi apprezzat aktar, u possibilment, taħt xi forma jew oħra, remunerat, biex il-mara ma jkolliex ħtieġa inutli li toħroġ taħdem meta tkun għadha trabbi ulied żgħar.

Ir-rapport ikompli jgħid hekk: "*Gozitan women have least leisure time, do most voluntary work, spend more time watching television and most time preparing food, but least time in general housekeeping*". Is-sagrifiċċji kbar li jagħmlu n-nisa tad-dar, speċjalment l-ommijiet, mhumiex għalxejn: huma bħal żerriegħa ċkejkna li 'l quddiem għad tagħti ħafna frott. Sewwa kieku jsir servej fost l-irġiel biex naraw kemm l-irġiel tagħna jagħtu għajnuna lill-mara tagħhom fix-xogħol tad-dar, għax għandna l-impressjoni li ħafna rġiel għadhom bl-idea li x-xogħol tad-dar hu riservat għall-mara!

Anke fid-daqs tal-familja, il-familja Għawdxija tispikka f'dan l-istudju: "*Gozo presents itself as the region with the largest family size of three or more children.*"

## Aktar ħin barra mid-dar, inqas kura tat-tfal

Nota ta' min jaħseb fuqha, li ħarġet ukoll minn dan l-istudju - għalkemm kienet ilha evidenti! - hi li aktar ma' mara tgħaddi ħin fuq xogħol (barra mid-dar), inqas tgħaddi ħin id-dar fil-kura tad-dar u ta' l-ulied. "*The full-time homemaker spent more time than the economically active woman in child minding, assisting her children with tuition and taking and collecting them from school and private lessons.*" Forsi l-ulied, speċjalment meta għadhom żgħar, aktar milli għandhom bżonn il-*pocket money* tal-ġenituri, jeħtieġu ġenituri li jgħaddu l-ħin magħhom, mhux biss fl-istudju, imma wkoll fil-logħob u biex jikbru fil-fiduċja f'xulxin. Diversi wlied ma jiftħux qalbhom mal-ġenituri tagħhom forsi għax il-ġenituri qatt ma "jsibu ħin" biex jgħadduh ma' wliedhom, f'affarijiet li għall-ulied huma importanti, anke jekk għall-ġenituri jistgħu jidhru ħela ta' ħin.

### Kunsilli Lokali ġodda

Għadhom kemm saru l-elezzjonijiet f'diversi lokalitajiet Għawdxin. Nawguraw lill-kandidati kollha, qodma u ġodda li ġew eletti. Żgur li jafu li daħlu għal responsabiltà mhux żgħira u ġew fdati bir-rieda tal-poplu li jirrappreżentaw. Jagħmlu sewwa jekk iżommu dejjem quddiem għajnejhom li huma ġew magħżula biex ikunu ta' servizz għal-lokalità li fiha ġew eletti, u mhux għal xi gwadann personali. Ma jħallux pressjoni ta' ftit nies ittellfilhom it-twettiq tad-dmirijiet tagħhom favur il-ġid komuni. Ħaġa li nittamaw li jwettqu hu li, minkejja d-differenzi politiċi li jistgħu jħaddnu, huma jagħtu aktar każ tal-ħtiġijiet leġittimi tar-residenti tagħhom milli tal-logħob politiku tal-partiti li jirrappreżentaw.

## L-eżamijiet ta' nofs is-sena: min bata l-konsegwenzi?

Kulħadd jaf li l-eżamijiet ta' nofs is-sena kellhom jitħarrku lura minħabba azzjoni tal-MUT. Ma niddiskutux il-motivazzjoni, għax ċertament kienet waħda mmirata biex ikun jista' jitwettaq aħjar dak li hemm imfisser fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Imma ta' min jirrifletti sewwa fuq il-konsegwenzi ta' din l-azzjoni, u jekk il-forzi soċjali f'din il-ħaġa kienux konxji mill-konsegwenzi li setgħu jirriżultaw. Smajna ħafna tgergir minn għalliema minħabba l-inċertezza dwar id-data ta' l-eżamijiet u jekk kellhomx ikomplu jew le is-sillabu tas-sena. L-eżamijiet saru f'nofs Marzu, ħafna qrib il-vaganzi ta' l-Għid, hekk li l-għalliema qed jgħidu li se jsibuha diffiċli jkopru s-sillabu kollu minħabba l-waqfien tal-vaganzi jekk ma jgħaġġlux *"biex ilaħħqu"*. Ċertament l-għalliema, bl-azzjoni jew mingħajrha, xorta waħda ser jirċievu l-paga fl-aħħar tax-xahar, bħall-membri tal-gvern u l-mexxejja tal-Unjon. Imma fuq l-istudenti, li skond il-Kurrikulu Minimu huma "iċ-ċentru tas-sistema" edukattiva, x'konsegwenzi mmedjati ser ikun hemm?

## Twissija f'waqtha?

F'intervista ma' *Crossroads* li dehret fil-11 ta' Marzu, is-suppliment ta' kull xahar dwar ir-relazzjonijiet ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea li jiġi ppubblikat mal-gazzetta *The Sunday Times*, is-Sur John Magro, president tal-*Gozo Business Chamber* u ta' *Magro Group of Companies*, filwaqt li tkellem favorevolment dwar il-proċess ta' sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mas-settur ta' l-agrikoltura, wissa li jekk dan ma jseħħx fid-dawl ta' ftehim speċjali bejn Malta u l-UE, is-settur agrikolu Malti jista' jirriskja kollass. Dwar Għawdex, hu jgħid li f'din il-fażi tan-negozjati, Għawdex għandu jitqies bħala gżira reġjun ta' Malta. Fil-laqgħa li saret ġewwa Nizza fi Franza, f'Diċembru li għadda, il-mexxejja ta' l-UE kienu wiegħdu għajnuna lill-gżejjer reġjun irrispettivament mill-ġid tagħhom, biex din l-għajnuna tpatti għal-limiti strutturali u fiżiċi komuni fi gżejjer żgħar.

Din it-twissija mhix ġejja minn Ċikku, imma minn persuna li hi midħla sewwa ta' l-industrija agrikola, mhux biss Għawdxija imma wkoll nazzjonali. Jagħmlu sewwa n-negozjaturi Malti jiflu sewwa din l-intervista.

## Ikkundannat għomru l-ħabs!

Tfajjel ta' erbatax-il sena fl-Istati Uniti ġie kkundannat għomru l-ħabs għax fl-eta' ta' tnax-il sena qatel tifla ta' sitt snin waqt li kien qed jimita logħba tar-*wrestling* fuq it-televixin. Ma tistagħġibx li qorti fl-Istati Uniti waslet għal dan il-verdett meta tqis kemm persuni jiġu kkundannati għall-mewt f'dan il-pajjiż kampjun tal-libertà u tad-demokrazija? Jekk, skond l-imħallef li ta s-sentenza, tifel ta' dik l-età ħaqqu kundanna bħal dik, mela x'ħaqqhom dawk il-parlamentari tas-Senat amerikan li jipproteġu l-produtturi ta' l-armi u l-faċilità li hemm fl-Istati Uniti li tfal ta' l-iskola sekondarja jistgħu jixtru l-armi u jmorru l-iskola jisparaw fuq l-għalliema u sħabhom? X'ħaqqhom il-produtturi ta' films li jeżaltaw il-qtil u kull forma ta' vjolenza possibbli f'isem il-libertà ta' l-arti ċinematografika, li tant qed iħallu effetti negattivi fuq l-immaġinazzjoni tat-tfal? X'ħaqqhom ċerti gvernaturi ta' Stati li jiffirmaw digrieti tal-mewt għal ħabsin li forsi ma jkunx hemm provi ċari biżżejjed tal-ħtija tagħhom?

Dan kollu forsi jerga' jqajjem il-kwistjoni jekk jistax ikun kollox permess fis-soċjetà tagħna, jew jekk hemmx bżonn ta' ċertu kontroll mill-istat, anke jekk dan il-kontroll jissejjaħ b'isem ġdid flok "ċensura", speċjalment fejn jidħlu t-tfal u l-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa.


**PLAYPEN**

**Toys & Stationery**

***• Stationery • Magazines • School Books • Model Kits • Colour Photocopies • Black and White Potocopies • Binding in softback, hardback and lamination.***

**30, Main Gate Street, Victoria - Gozo**
**Tel: 561107**

**RAINDROPS LTD.**

*Bringing Nature into Your Home*

*Are you planning your wedding or home decoration? Whatever your taste, you're sure to find exactly what you're looking for at Raindrops Ltd. The wide help at a price much lower than you think.*

*Shop: Raindrops, Main Gate, Street, Victoria*
*Tel: 554114, 551254*
*Office: Raindrops, Borg Gheritu Street, Victoria*
*Fax: 561489*

L-INTERVISTA

# Rebbieħ fuq il-Mewt

FL-OKKAŻJONI TAĊ-ĊELEBRAZZJONI TAT-TIFKIRA TAL-PASSJONI, MEWT U QAWMIEN TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU, DUN EDDIE ZAMMIT INTERVISTA LIL DUN INJAZJU BORG, GĦALLIEM TAL-LITURĠIJA FIS-SEMINARJU, LILL-KOPPJA MARĊELL U MARYANNE MIZZI, KIF UKOLL LIL JOE W. PSAILA DWAR KIF NISTGĦU NGĦIXU DAWN IL-JIEM BI GWADANN SPIRITWALI

## *Dun Injazju Borg*



**Il-Mixja li n-nisrani huwa msejjaħ biex jagħmel fir-Randan tilħaq il-qofol tagħha fit-Tridu ta' l-Għid, jiġifieri il-Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid. Għaliex il-Knisja tagħti importanza daqshekk kbira lil dawn il-jiem?**

Dawn it-tlett ijiem huma l-milja, il-qofol kif ukoll ir-ruħ u l-qalb tal-ħajja liturġika tal-Knisja. Dawn il-jiem għandhom ikunu għan-nisrani l-aktar jiem mixtieqa tas-sena. Għax f'dawn il-jiem hemm miġbura s-sustanza kollha tal-ħajja nisranija tagħna. It-tlett ijiem imqaddsa ta' l-Għid jibdew bil-quddiesa ta' filgħaxija ta' Ħamis ix-Xirka u jintemmu f'Ħadd il-il-Għid filgħaxija. F'dawn il-jiem niċċelebraw il-qofol tal-ġrajjiet li bihom il-Mulej Ġesù ta l-akbar ġieħ lil Alla Missieru u kisbilna s-salvazzjoni, għalhekk niċċelebraw il-passjoni, il-mewt, id-difna u l-qawmien tiegħu.

**F'Ħamis ix-Xirka nagħmlu t-tifkira tat-twaqqif tas-Saċerdożju Kattoliku kif ukoll ta' l-Ewkaristija. F'dan il-jum fil-knejjes tagħna jintrama l-Artal tar-Repożizzjoni. X'tgħidilna dwar id-drawwa sabiħa tas-Seba' Viżti?**

Fil-għaxija l-Knisja tagħmel it-tifkira ta' l-aħħar ikla tal-Mulej u tat-twaqqif ta' l-Ewkaristija. Din it-tifkira hi marbuta ma' dak li jiġi ċelebrat filgħodu fil-Knisja Katidrali: l-għaqda ta' l-isqof mas-saċerdoti tiegħu li jagħmlu minn dan il-jum, jum is-Saċerdozju





Kattoliku. Tajjeb li nneħħu minn ilsienna l-kelma 'sepulkru' iżda nsejħulu '*l-artal tar-repożizzjoni*', kif iħeġġiġna d-dokument li ħarġet il-Kongregazzjoni tal-Kult Divin fl-1988 "*Tħejjija u Ċelebrazzjoni tal-Festi ta' l-Għid*". B'ebda mod m'għandna nagħtu lill-artal tar-repożizzjoni dehra ta' qabar, jew xi wirja ta' arranġamenti ta' fjuri, iżda għandu jkun sempliċi kemm jista' jkun. Għax l-iskop hu li ngħinu lill-insara sabiex jaduraw lil Ġesù Ewkaristija. Għalhekk jeħtieġ noqgħodu ħafna attenti li l-iskop taż-żjajjar lill-knejjes tagħna hu ta' adorazzjoni, ġabra u talb quddiem Ġesù Ewkaristija u mhux ta' wirjiet tal-fjuri, għax flok ikun mument ta' talb ikun mument ta' aljenazzjoni u distrazzjoni.

**Il-Jum tal-Ġimgħa l-Kbira huwa jum għażiż ħafna għalina. Fih infakkru l-mewt ta' Ġesu`. Imma int taħseb li din iċ-ċelebrazzjoni għandna tieħu forma ta' viżtu għal xi ħadd mejjet?**

F'dan il-Jum infakkru l-mewt glorjuża tal-Mulej. Tajjeb li f'din iċ-ċelebrazzjoni, bil-mod kif niċċelebrawha kemm mill-aspett ta' kant, kif ukoll ġesti u sinjali, ma nagħtux is-sens ta' mewt falluta jew li wara din il-mewt spiċċa kollox, spiċċat kull tama. Anzi għandna nagħmlu kulma nistgħu biex ngħinu lill-insara sabiex jifhmu li f'din il-mewt in-nisrani għandu jimtela b'kull tama. Infatti Ġesù nnifsu jgħidilna; "*Meta nkun merfugħ 'il fuq mill-art niġbed il-bnedmin kollha lejja*". Aħna nafu li l-qofol ta' din iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira hija l-adorazzjoni tas-salib. Għalhekk tajjeb li nagħtu l-importanza li jistħoqqilha lil din il-parti taċ-ċelebrazzjoni. Is-saċerdot irid ifiehem lill-poplu li aħna bil-ġest tal-bewsa tas-salib m'aħniex sempliċiment nuru mħabba u qima lejn Ġesù. Iżda rridu nifhmu li jeħtieġ niftakru fis-salib tagħna, u nitolbu lil Ġesù sabiex jgħinna naċċettawh f'ħajjitna. Għax jista' jiġri li nipperikolaw u nirrendu dan il-ġest bħala xi ħaġa devozzjonali maqtugħa mir-realtà tal-ħajja tagħna.

**Dwar Sibt il-Għid taħseb li l-insara tagħna jagħtuh l-istess importanza tal-jiem ta' qabel jiġifieri ta' Ħamis ix-Xirka u tal-Ġimgħa l-Kbira? Għaliex il-Knisja tant tinsisti fuq is-sehem fil-liturġija ta' dan il-lejl qaddis? X'tifsir sabiħ hemm fiċ-ċelebrazzjoni liturġika ta' dan il-lejl?**

Fil-mentalità żbaljata tagħna, almenu sa ftit snin ilu, konna naħsbu li l-qofol ta' dan it-tridu huwa l-jum tal-Ġimgħa l-Kbira. Iżda San Pawl stess iwissina: "*Li kieku Kristu ma qamx mill-mewt, fiergħa kienet tkun il-fidi tagħna*". Sant'Wistin dwar dan il-lejl ta' Sibt il-Għid jistqarr: "*Din il-velja hija omm il-vġejjel kollha*". F'dan il-lejl hemm it-tifsira kollha tas-sens tal-ħajja tal-bniedem. Infatti wieħed mill-missirijiet tal-Knisja Asterio Sofista jgħidilna: "*Għaliex dan il-lejl jiddi aktar mill-jum, għax dan il-lejl hu aktar ħelu mill-ġenna, għax dan il-lejl hu meħlus minn kull dlam, għax dan il-lejl ikeċċi l-għajja u n-nagħas, għax dan il-lejl hu l-aktar lejl mixtieq tas-sena kollha*". Dan il-missier tal-Knisja fi ftit kliem jgħid kemm hu essenzjali għan-nisrani dan il-lejl. Jeħtieġ ngħinu lill-insara jifhmu l-importanza ta' dan il-lejl. Min hu nisrani veru ma jistax joqgħod iqis u jikkalkula l-ħin jew għax hija ċelebrazzjoni twila, iżda irid jifhem illi dan il-lejl hu l-lejl ta' l-akbar rigal: il-ħajja ta' dejjem, għax kif jistqarr San Pawl: "*Bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna u bil-qawmien tiegħu tana ħajja ġdida*". Hu lejl ta' radd il-ħajr lill-Missier ta' dak li tana permezz ta' ibnu.

Jalla kull nisrani jifhem l-importanza ta' dan it-tridu qaddis u jagħmel kull mezz li jattendi għalih b'disponibiltà, b'entużjażmu u b'ħeġġa nisranija.

## *MaryAnne u Marċell Mizzi*

**MaryAnne u Marċell, intom ilkom għal diversi snin membri tal-Mixja Neo-Katekumenali. Fil-Mixja, tagħtu importanza kbira liċ-ċelebrazzjoni tal-Lejl Qaddis. Kif titħejjew u kif tiċċelebrawh?**



*MaryAnne:*
Il-Knisja Kattolika dejjem għarfet l-importanza ta' dan il-lejl qaddis - meta Sidna Ġesù qam rebbieħ fuq ix-xitan li kellu f'idejh is-setgħa tal-mewt. San Pawl jgħid li l-fidi tagħna bla qawmien hija fiergħa. Ġesù qam u huwa ħaj u qiegħed mal-Knisja tiegħu sa l-aħħar taż-żminijiet. Il-Knisja tagħmel preparazzjoni serja għal din l-akbar ġrajja tal-Mulej. Għall-Knisja ewlenija l-Qawmien kien qisu x-xemx. Maż-żmien ix-xemx għattiha s-sħab. Il-Konċilju Vatikan II qisu neħħa dan is-sħab u jitkellem ħafna fuq Qawmien. Qabel konna aktar nieqfu fuq il-mewt.

*Marċell:*
Aħna ngħaddu l-lejl ta' l-Għid fi stennija għal xi ħaġa kbira - Mogħdija mill-Mewt għall-Ħajja. Il-Mulej bil-Qawmien Tiegħu jġorr anki lilna għall-ħajja. Il-ferħ matul dan il-lejl ta' sahra jinħass minn kulħadd, anke ż-żgħar tarahom imqajjmin ikantaw ferħanin flimkien mal-kbar. Il-lejl tal-Għid bil-qari mill-Iskrittura, kant u talb, tixtiequ ma jispiċċa qatt. Il-ferħ indumu nħossuh għal żmien wara l-Għid. Meta jkollna t-trabi għall-Magħmudija l-ferħ joktor, għax il-Qawmien u l-Magħmudija huma marbuta flimkien - jiksbulna d-dritt li nsejħu lil Alla "*Missier*", "*Abba*".

*Joe. W. Psaila*

**X'hemm sabiħ u tajjeb fid-drawwiet tal-Maltin u l-Għawdxin fil-Ġimgħa Mqaddsa. X'hemm tajjeb li hemm bżonn insaħħuh u inqas tajjeb li jeħtieġ inwarrbuh fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' dawn il-jiem?**

"Il-Missjoni ta' Kristu u ta' l-Ispirtu s-Santu fil-liturġija sagramentali tal-Knisja, tħabbar, iġġedded u twassal il-Misteru tas-Salvazzjoni" (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 2655).

Il-Liturġija tal-Knisja tilħaq il-qofol tagħha bil-fakra solenni u t-tiġdid tal-passjoni u l-mewt tal-Mulej Ġesù u bit-taħbira tal-Qawmien tiegħu mill-Imwiet. Bir-raġun għalhekk il-Liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa hija ħafna għal qalb l-poplu Malti u Għawdxi. Għaldaqstant ukoll madwar il-Liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa nħolqu maż-żmien drawwiet u ċelebrazzjonijiet popolari, li huma nobbli fil-għan tagħhom u jistgħu jgħinu biex titmantna l-imġiba nisranija. Iżda dawn l-istess drawwiet popolari jistgħu jaljenawna minn dak li l-Liturġija trid tabilħaqq twasslilna.

Il-bniedem, kemm f'livell personali, kif ukoll f'livell kollettiv għandu x-xeħta biex iħawwad il-mezz ma' l-għan ewlieni, b'mod li dak li suppost hu kwintessenza isir dettal, u dak li suppost huwa "*side issue*" isir il-qofol tal-ħsieb u ta' l-impenn. Kultant qed jiġri hekk ukoll fl-atteġġjament ta' x'uħud lejn il-liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Narmaw il-mejda ta' l-Aħħar Ċena u nintilfu fit-tlellix, flok nixtiequ nidħlu iktar 'il ġew fil-Misteru tal-Ewkaristija; nagħmlu s-seba' visti f'familji u gruppi iżda ma jonqosx li d-devozzjoni tagħna tinkiser fuq iz-zuntier billi nieqfu biex nieħdu sehem f'xi lotterija. Fil-purċissjonijiet









tal-Ġimgħa l-Kbira l-ispettaklu għandu jkun xieraq, b'mod biex iżid u mhux idgħajjef il-ġabra u r-riflessjoni. Mill-attendenza tagħna, xi ftit skarsa, għall-velja tal-Għid, jidher li għandna ma fhimniex biżżejjed l-importanza tal-fakra u tiġdid ta' dan il-lejl tal-għaġeb li mingħajru hi fiergħa l-fidi tagħna.

Għalkemm aħna poplu li tant inħobbu niċċelebraw bil-kbir il-festa tal-qaddis tar-raħal, għadna nibqgħu lura biex nesprimu l-ferħ tagħna għall-Qawmien tal-Mulej. Bla ma naqgħu fl esaġerazzjonijiet li kultant iħassru l-festi tal-bliet u l-irħula, ikun xieraq li fl-Għid il-Kbir noħorġu iktar baned fl-imsieraħ tagħna, nixegħlu l-gallarijiet u nżejnu t-triqat biex f'kull belt u raħal tagħna nġorru fuq spallejna x-xbiha ta' Kristu Irxoxt.

Il-ferħ tagħna għandu jkun xhieda tat-twemmin sħiħ tagħna f'dan il-jum – il-jum li għamel il-Mulej biex nifirħu u nithennew bih.

**L-Għid it-Tajjeb**
**lill-qarrejja kollha tagħna**


**Qronfli**

*Fresh & Artificial Flower Arrangements*
*for all occasions*

***Specialising in:* *Wedding Bouquets,***
***Church and Reception Decorations, Funeral Wreaths***

***We sell also Souvenirs, Holy Images, and Invitations for***
***Baptism, First Holy Communion, Confirmation and Weddings***

**46, Mikiel Farrugia Street, Xagħra, Gozo. Tel: 552759**

**BOGI AUTO LTD**

- **Spare Parts**
- **Batteries**
- **Accessories**

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

**SWEET SENSATIONS**
**CONFECTIONERY**

For Cakes, Gateau,
Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg

55, St. Joseph Sqr.,
Qala, Gozo.

Tel: 565663
Home: 552277




Arkivju Nazzjonali Għawdex

# L-UFFIĊJALI TAR-RIĠMENT IL-ĠDID

L-erbgħa u disgħin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi lista intitolata *Pro Ufficialibus Novi Regiminis*. Tinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1700-1701), folju 25r (NAG, UG, Acta, 9/1700–1701, f. 25r).

Din hi traskrizzjoni tad-daħla għal-lista:

Michele Agius, Tesoriero di questa Università del Gozzo pagerete alli infrascritti officiali del Regimento scudi cinquanta di moneta segli devono per loro salario d'un anno incominciato il maggio primo passato e finito oggi l'ultimo instante, come segue, cioè...

It-Teżorier ta' l-Universitas qiegħed b'din in-nota jirreġistra l-ħruġ ta' ħamsin skut li saru bħala paga lill-uffiċjali tar-riġment imsejjaħ il-ġdid. L-uffiċjali kienu b'kollox erbatax. Il-paga kienet tkopri sena sħiħa, mill-1 ta' Mejju, 1700, sa' l-aħħar ta' April, 1701. Din li ġejja hi l-lista tagħhom wieħed wara l-ieħor, bl-uffiċċju tagħhom fir-riġment, u bil-ħlas li ngħataw.

- Michele Vassallo, *alfiere* jew dak li jġorr l-istandard, 18-il-skut
- Simone Pisano, *sergente* jew surġent, 5 skuti
- Domenico Fenech, *sergente* jew surġent, 5 skuti
- Carlo Cifai, *sergente* jew surġent, 5 skuti
- Simone Habela, *sergente* jew surġent, 5 skuti
- Giorgio Curmi, *caporale* jew kapural, skut
- Domenico Cassar, *caporale* jew kapural, skut
- Ignazo Mizzi, *caporale* jew kapural, skut
- Filippo Cassar, *caporale* jew kapural, skut
- Antonio Vassallo, *banderaro* jew reffiegħ tal-bandiera, 4 skuti
- Geronimo Hagius, *tamburo* jew daqqaq tat-tanbur, skut
- Giovanni Andrea Mangion, *tamburo* jew daqqaq tat-tanbur, skut
- Giovanni Piero Habela, *tamburo* jew daqqaq tat-tanbur, skut
- Giuseppe Scembri, *tamburo* jew daqqaq tat-tanbur, skut



Il-ħlasijiet għal sena sħiħa mhumiex kbar u din hi indikazzjoni li dawn il-membri tar-riġment kienu jagħtu sehemhom meta jkun hemm bżonn biss, kif ngħidu llum *part-time*. Dan ifisser li r-reġiment kien iktar qiegħed jaqdi skopijiet ċerimonjali, milli skopijiet ta' difiża. Madankollu dan it-tieni skop mhux eskluż. Ir-riġment, minkejja li hu msejjaħ il-ġdid, jidher li hu kontinwazzjoni tad-Dejma medjevali.

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

# L-Għada tal-Ġimgħa l-Kbira Is-Sibt Qaddis



## kif għaddewh l-appostli, l-Madonna, Kristu?

## u kif qed ngħadduh aħna?

Ħsibijiet meħuda minn tliet kotba:
1. "*Marija Donna dei nostri Giorni*" - l-Isqof Don Tonino Bello.
2. "*Lettera Pastorale per l'anno 2000-2001*", dwar "*Il Sabato Santo*" ta' Kardinal Carlo M. Martini.
3. "*Il Cammino Della Pasqua*" - Librerija Editrice Vaticana.

## L-appostli

Hekk jiddeskrivihom il-Kardinal Martini

**MIFXULIN** *Skonċentrati, l-Imgħallem u l-Mulej tagħhom ġie maqtul.*

**IMBIKKMIN** *Iħossuhom waħidhom u mmutaw. Ma jafux fejn se jagħtu rashom.*

**MIBLUGĦIN** *b'dak li ġara fuq il-Kalvarju. Għalihom mal-Ġimgħa l-Kbira spiċċa kollox. L-akbar telfa u disfatta.*

**MIFNIJIN BID-DELUŻJONI** *Il-ħolm u l-pjanijiet tagħhom dehrilhom li sfaw fix-xejn.*

**IMREGĦXIN** *Ħassew fihom sens ta' ħtija. L-Imgħallem issallab u huma ħarbu u dabbru rashom. Ħassewhom tradituri.*

**IMWERWRIN** "*Kienu magħluqin id-dar minħabba l-biżgħa*" (San Ġwann)



## Il-Madonna

***Kif għaddietu l-jum ta' wara t-traġedja tal-Golgota:***

*- Ħsieb ta' Don Tonino Bello:*
"*Fuq id-dinja waqgħet dalma kbira*" (Mk15;33). Mhux biss nuqqas ta' dawl iżda l-aktar nuqqas ta' fidi. ***"F'DAN IL-BLACK-OUT ĠENERALI TA' FIDI, WAĦDA BISS ŻAMMET IL-FIDI TIXGĦEL U L-KUNTATT MAS-SEMA"*** **- IL-MADONNA.**

*- Ħsieb tal-Kardinal Martini:*

**1. IL-VERĠNI TAL-FIDI:** Marija, f'dan is-Sibt kienet il-"*VIRGO FIDELIS*" marbuta mar-Rieda ta' Alla. Hi għexet fejn id-dalma tal-Ġimgħa l-Kbira u ż-żerniq tal-Għid li dalwaqt ifiġġ, imwieżna mill-Ispirtu s-Santu: ALLA TA KULL FARAĠ ifarraġna fil-hemm kollu tagħna (San Pawl: 2 Kor 1;4)

**2. L-OMM TAT-TAMA:** Kien is-Sibt ta' qtigħ il-qalb u delużjoni. Imma f'Marija spikkaw is-SABAR u l-PERSEVERANZA. Tistenna u tittama. U tittama kontra kull tama. Konvinta li Dak li wiegħed Alla, jseħħ. Għax Alla hu fidil u jżomm kelmtu.

**3. L-OMM TA' L-IMĦABBA:** F'dan is-Sibt ta' solitudni, meta l-Appostli ħassewhom waħidhom mingħajr il-preżenza ta' l-Imgħallem tagħhom, Marija kienet għalihom "IL-FARAĠ FIN-NIKET". Kienet ukoll il-"Mara Qalbiena". TOFFRI TBATIJIETHA għax kienet taf li l-"ERWIEĦ JINXTRAW BI PREZZ GĦOLI" (1 Pietru 1;18-19)

## Ġesu`



*X'inhu dak li ġara llum?* *Il-Liturġija tal-Qari tagħtina dawn il-punti.*

1. **ID-DIFNA TA' ĠESU`**

2. **KRISTU JISTRIEĦ.** *Ara l-antifoni fil-Liturġija tal-Qari.*

3. **IL-MULEJ JINŻEL FL-IMWIET, u jiltaqa' mal-ĠUSTI.** *"Għax Kristu wkoll miet darba għal dejjem... imma ħa l-ħajja fl-ispirtu li bih mar ixandar is-salvazzjoni lil dawk li kienu magħluqa fil-ħabs"* (1 Pietru 3;18)

4. **IL-LAQGĦA TA' KRISTU MA' ADAM.** *Kif fisser it-Tieni Qari fil-Liturġija tal-Qari.*

## U aħna kif ser ngħadduh is-Sibt Qaddis?

Mill-Ktieb *"IL CAMMINO DELLA PASQUA'*

### *IS-SIBT FIL-GĦODU*

Il-Missal Ruman jgħid: *"Il-KNISJA TISHAR ĦDEJN IL-QABAR TAL-MULEJ U TIMMEDITA L-PASSJONI U L-MEWT TIEGĦU."*

**1. IL-MISTERU SPEĊIFIKU** tas-Sibt hu l-ASSENZA tal-Mulej. Lanqas l-Ewkaristija ma tiġi ċċelebrata.

**2. JINĦASS VOJT KBIR**, bħal meta imutlek xi ħadd fil-familja. Dan il-vojt jimtela BI SKIET KONTEMPLATTIV".

### FIL-PRATTIKA

* *"Non Sfigurare il Sabato Santo"*. Ma nisfigurawx IS-SIBT QADDIS (lanqas b'ċelebrazzjonijiet oħra aħseb u ara b'xi attività profana.

* Fil-għodu nikkonċentraw fl-UFFIĊĊJU TAL-QARI

*Suġġeriment personali*

Jista' jsir xi *cassette* bil-kant ta' dan l-Uffiċċju tal-Qari?

Jistgħu l-membri tal-għaqdiet jifhmu aktar u jassistu għal dan l-Uffiċċju tal-Qari?



# L-Għid il-Kbir u l-Misteru ta' Kristu Rxoxt



*Mill-Eċċ. Tiegħu*
*Mons. Nikol Ġ. Cauchi,*
*Isqof t'Għawdex*

Il-Għid huwa biex ngħid hekk ċ-ċentru tas-Sena Liturġika kollha li fiha l-Knisja tiċċelebra l-misteri tal-ħajja ta' Kristu. Il-Konċilju Vatikan II isejjaħ it-tifkira tar-reżurezzjoni ta' Kristu "*l-akbar solennità*" fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, fejn jgħid "*Il-Qawmien tal-Mulej li darba fis-sena jitfakkar ukoll flimkien mal-Passjoni mqaddsa tiegħu, fl-akbar solennità ta' l-Għid*" (Sacrosanctum Concilium, 102).

Il-qawmien ta' Kristu minn bejn l-imwiet huwa fl-istess ħin fatt storiku u misteru. Huwa fatt storiku għaliex ġara tabilħaqq u hemm il-provi dwaru. Iżda huwa wkoll misteru għaliex fih hemm aspetti li ma nistgħux nifmuhom jew naslu għalihom bir-raġuni tagħna, iżda jeħtieġ li naċċettawhom bil-fidi.

Ma kienx hemm xhieda okulari tal-qawmien ta' Kristu, ċioè ħadd fost il-bnedmin ma kien preżenti fil-ħin li ġara l-fatt, u ħadd ma ra u sema' 'l Kristu ħiereġ mill-qabar. Kristu deher lil dawk li kienu magħżula minn qabel, ċioè lid-dixxipli nklużi l-appostli, li kienu marru warajh u urihom min kien u l-istat glorjuż tiegħu, ċioè li kien rxoxta tabilħaqq.

Dan il-fatt tar-reżurrezzjoni ta' Kristu l-Appostli ppriedkawh kull fejn marru fid-dinja u għamlu minnu wieħed mis-sisien fundamentali li fuqhom hu mibni l-Kristjaneżmu. Ix-xhieda ta' l-Appostli swiet għall-konverżjoni tad-dinja li seħħet bil-predikazzjoni tagħhom u kienet u tibqa valida f'kull żmien anki fi żminijietna. Minn din ix-xhieda. il-qawmien ta' Kristu jiġi rikonoxxut bħala fatt storiku. Kif josserva l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (nru 664), "*hi bla bażi l-ipotesi li l-ġrajja tal-qawmien mill-imwiet hi 'prodott' tal-fidi (jew tal-kredulità ta' l-Appostli), anzi, għall-kuntrarju, l-fidi tagħhom fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet ġiethom mill-esperjenza diretta li kellhom tar-realtà ta' Kristu Rxoxt, bil-ħidma tal-grazzja t'Alla.*"

### *Għaliex l-Appostli emmnu fil-qawmien ta' Kristu*

L-Appostli u l-ewlenin dixxipli ta' Kristu taw xhieda ta' dak li raw u intebħu bih, u mhux x'ġara waqt li l-ġisem mejjet ta' Kristu stenbaħ mir-raqda tal-mewt u reġa ħa l-ħajja.

Madanakollu, l-Appostli u dawk li kienu magħhom daqskemm kienu ċerti li Kristu miet, daqshekk ieħor huma kienu ċerti li huwa qam minn bejn l-imwiet.

Din iċ-ċertezza tagħhom, għad li mhix nieqsa mill-fidi, kienet bażata fuq żewġ fatti u l-aħħar wieħed ripetut iktar minn darba. L-ewwel fatt: il-qabar li kien vojt, rawh Pietru, Ġwanni u ħafna oħrajn. It-tieni fatt: Kristu kien ħaj mill-ġdid u ripetutament dehrilhom, ħaj mhux biss bir-ruħ, iżda wkoll bil-ġisem glorjuż u reali tiegħu.

L-erba evanġelisti, għad li fid-dettalji x-xhieda tagħhom hija differenti, jistqarru li l-qabar fejn Kristu ġie midfun instab vojt u dan il-fatt għaġġeb mhux ftit lid-dixxipli tiegħu, għax kienu qatgħu qalbhom li hu ser jerġa' jqum. Kif naqraw fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika numru 640: *"Il-qabar vojt waħdu m'huwiex prova diretta. Il-fatt li l-ġisem ta' Kristu ma kienx fil-qabar jista' jiġi mfisser mod ieħor (ara Ġw 20,13; Mt 28,11-15); minkejja dan, il-qabar vojt hu sinjal essenzjali għal kulħadd. Is-sejba tal-qabar vojt kien l-ewwel pass għad-dixxipli biex jagħrfu l-fatt tal-Qawmien mill-imwiet."*

Prova oħra tal-qawmien ta' Kristu, kienu d-dehriet tiegħu, li bihom wera li għadu ħaj. Kristu deher fl-istess jum tar-Reżurezzjoni:

- mat-tbexbix lil Marija Madalena (Mk.16,9-11; Ġw.20,11ss)
- matul il-jum lin-nisa twajbin (Mt.28,9)
- lil Pietru (Lq.24,34 1Kor.15,5)
- fil-għaxija wkoll, lill-Appostli fl-assenza ta' Tumas (Mk.16,14; Lq.24,36-43; Ġw.30,19-23)

Tmint ijiem wara l-qawmien Ġesù deher, lill-Hdax flimkien ma' Tumas li ma kienx emmen (Ġw.20,26-29)

Lis-seba dixxipli fuq il-baħar ta' Tiberija (Ġw.21, 1-14)

Lil ħdax fuq il-muntanji fil-Galilija (Mt.28,16-20; Mt.16, 15-18)

Lil 500 fost l-aħwa (1Kor.15, 6)

Lil Ġakbu ħu l-Mulej (1Kor.15, 7)

L-aħħar manifestazzjoni f'Ġerusalemm (Lq.24,44-49; Atti1,4)

F'jum it-Tlugħ fis-Sema (Mk.16,7; Lq.24,50-53; Atti1, 9-12) meta wara li berikhom inqata' mill-art u sħaba għattietu minn quddiem għajnejhom.

### *Ġisem glorjuż ta' Kristu*

Mill-Evanġelju nistgħu niksbu wkoll ħjiel ta' kif kien il-ġisem glorjuż tal-Mulej. Kristu, meta qam minn bejn l-imwiet żamm l-istess ġisem li kellu qabel saħansitra bil-marki tal-pjagi, li sarulu waqt il-Passjoni tiegħu. Kieku Kristu ma qamx mill-mewt bl-istess ġisem li bih sofra, r-Reżurrezzjoni tiegħu ma kienitx tkun waħda reali, iżda biss apparenti.

Il-ġisem li bih Kristu rxoxta kien ġisem glorjuż, għaliex immerita din il-glorja bit-tbatija u l-passjoni tiegħu. Sa mill-bidu ta' l-eżistenza tiegħu bħala bniedem, cioè mill-mument tat-tnissil fi ħdan l-Imqaddsa Verġni Marija ir-ruħ tiegħu kellha l-glorja tal-viżjoni beatifika, jiġifieri l-glorja li għandhom l-erwieħ tal-qaddisin fil-ġenna. Iżda din il-glorja tar-ruħ ta' Kristu ma ħarġitx fil-beraħ u ma dehritx riflessa fil-ġisem tiegħu qabel ma għadda mill-prova ta' l-umiljazzjoni u t-tbatija tal-Passjoni li huwa aċċetta għas-salvazzjoni tagħna. Iżda meta l-opra tar-redenzjoni, kienet kompluta bis-sagrifiċċju tal-Kalvarju, il-glorja tar-ruħ tiegħu għaddiet ukoll għall-ġisem tiegħu.

Dak kollu li kien jagħmel parti mill-ġisem uman ta' Kristu, laħam, għadam, demm, eċċ. kien jinsab ukoll fil-ġisem li bih qam mill-mewt. Kien immela ġisem sħiħ u perfett. Lid-dixxipli li ħasbuħ fantażma Ġesù qalilhom *"Spirtu ma għandux ġisem u għadam, bħalma taraw li għandi jien"* (Lq.24,39).

Il-Mulej ried li jżomm fil-ġisem glorifikat tiegħu l-marki tal-pjagi bħala xhieda dejjiema tar-rebħa tiegħu, bħala prova li huwa l-istess bniedem li bata u miet fuq is-salib. Bihom Kristu jidher quddiem il-Missier Etern tiegħu biex jinterċedi għalina bħal avukat tagħna.

Il-ġisem tal-Kristu glorjuż kien immortali, jiġifieri mhux bħal dak ta' Lazzru li reġa' miet wara r-reżurezzjoni tiegħu, iżda l-ġisem ta' Kristu qam mill-mewt biex ma jmut qatt iżjed. Ma kienx suġġett għall-mard u għat-tbatija. Dejjem skond l-informazzjoni li għandna mill-kotba tar-Rabta l-Ġdida, l-ġisem glorjuż ta' Kristu kien ġisem kollu dija, ħafif u jista' jgħaddi anki minn oġġetti materjali bħal meta daħal fiċ-ċenaklu bil-bibien magħluqa. Huwa wkoll ix-xempju jew mudell ta' kif ikun il-ġisem tal-qaddisin, wara li jerġgħu jqumu għall-ħajja fl-aħħar jum.

### *X'nitgħallmu mill-misteru tar-reżurezzjoni ta' Kristu*

Il-fatt li Kristu qam minn bejn l-imwiet għandu iktar minn lezzjoni waħda jew messaġġ għalina. Il-ġustizzja t'Alla tagħti l-premju lil min jgħix ħajja tajba u lil min ikun bata matul il-ħajja fid-dinja, kif Kristu, wara l-passjoni u l-mewt tiegħu kiseb il-glorja tal-qawmien u l-aqwa ġieħ: *"Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejjnu bl-Isem li hu fuq kull isem..."* (Fil 2,9)

Il-ġrajja tal-qawmien ta' Kristu u t-tifkira tagħha fil-festa ta' l-Għid issaħħaħna wkoll fil-fidi tagħna li Kristu, huwa s-Sid tal-ħajja, la darba qam tabilħaqq mill-mewt. Il-qawmien glorjuż ta' Kristu, kif jgħallem San Pawl huwa verità ċentrali tal-fidi nisranija.

Ir-reżurezzjoni ta' Kristu, hija wkoll l-pedament tat-tama soda li aħna wkoll, għall-merti tiegħu għad naqsmu miegħu l-glorja tal-qawmien jekk nibqgħu maqgħudin miegħu.

Fl-aħħarnett l-Għid huwa wkoll stedina għalina sabiex inqumu mir-raqda u mill-mewt tad-dnub biex ngħixu fit-tiġdid tal-ħajja tal-grazzja, dejjem f'għaqda ma' Kristu, l-Feddej tagħna: *"Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida"* (Rum. 6,4).

**Anġelo Xuereb - Josephine Debrincat, "Kelmet il-Qaddisin"**
**Sensiela "Manwali Spiritwali"; nru. 4; 80 pp;**
***Lumen Christi Publications.* PEG 2001, Lm 1.00.**

## *KLIEMHOM TA' MIN JGĦOŻŻU*

*Għadu kemm ġie pubblikat ktejjeb interessanti, adattat ħafna għal żmien ir-Randan imma tajjeb dejjem. "**Kelmet il-Qaddisin**" fih ġabra ta' sentenzi u frażijiet li ħarġu minn fomm nies għonja fil-qdusija. Dawn il-kelmiet jgħinuk taħseb u jispirawk, għax fihom għajnuna indispensabbli fil-mixja spiritwali u matura ta' kull nisrani.*

*Dan huwa ktejjeb ieħor tal-*Lumen Christi Publications *fis-sensiela taskabbli "Manwali Spiritwali", ktieb ippreżentat b'mod mill-aktar attraenti u komdu li jinkludi 365 sentenza, frażi għal kull jum tas-sena. Huwa ktieb eċċellenti għal kull kategorija tal-poplu tagħna, għaliex fih frażijiet u sentenzi żgħar li tassew fihom x'wieħed jixtarr.*

*Ilkoll nafu kif illum kull ħaġa antika saret prezzjuża u tiswa l-flus; hekk ukoll il-kelmiet ta' missirijiet il-Knisja, bħal Sant'Wistin kif ukoll dutturi kbar li għexu aktar qrib tagħna bħal San Franġisk de Sales, jibqgħu jitqiesu bħala għalliema kbar li kliemhom ta' min jgħożżu aktar mid-deheb. "**Kelmet il-Qaddisin**" hu damma ta' sentenzi qosra li wassluna dawk li huma ħbieb kbar ta' Alla. Minkejja li dawn in-nies kellhom ukoll id-dgħjufijiet u l-limitazzjonijiet tagħhom, fl-istess ħin kellhom għeruq ta' mħabba radikali lejn Alla.*

*Ħaqqhom kelma ta' tifħir u apprezzament l-edituri u l-pubblikaturi ta' dan il-ktejjeb ta' spiritwalità klassika li jista' jkun tant utli għal kulħadd. Dan il-manwal spiritwali, maqsum fi ħmistax-il-kapitlu, jolqot diversi temi mportanti li huma ndirizzati lil diversi kategoriji, partikularment lill-familji, lill-morda, lit-tfal, lill-adoloxxenti, u liż-żgħażagħ. Insibu suġġetti marbuta mal-karità tal-proxxmu, l-umiltà u l-Ewkaristija, li għandhom jintlaqgħu tajjeb minn kulħadd.*

*Nawgura li dan il-ktieb sempliċi u prattiku ikun ta' siwi għal kull min jakkwistah, jaqrah, u jomgħodu sew. Ladarba ktieb ikun informattiv u formattiv, ta' ispirazzjoni u ta' nteress ġenerali, dan jiġġustifika l-iskop nobbli li għalih ġie ppublikat. U l-iskop uniku ta' "**Kelmet il-Qaddisin**" huwa li kulħadd jista' jasal fejn waslu huma.*

***Dun Karm Refalo, Arċipriet tal-Qala***

---

**Korrispondent Speċjali Paġna 3 "Leħen is-Sewwa", "Attwalita`" Vol. 3**
**132 pp; B.C.D. Graphics, *Lumen Christi Distributors.* Għawdex, Lm 2.00.**

## *ATTWALITA` MIĠBURA FI KTIEB UTLI*

*"Dal-ktieb mhux qiegħed biex taqrah. . .qiegħed biex tisimgħu. . . Tkunx int li taqleb il-folji ta' dan il-ktieb. Ħalli l-ktieb jaqleb f'ħajtek folja ġdida".*

*Hekk jikteb awtur ta' ktieb għaż-żgħażagħ fl-introduzzjoni għall-ktieb tiegħu.*

*Inħoss li dawn iż–żewġ pariri jgħoddu bis-sħiħ għal min jaqra l-ktieb* "Attwalità"*. Il-ktieb fih ġabra ta' ħsibijiet, ġrajjiet, kwotazzjonijiet, esperjenzi u stejjer attwali lkoll meħudin minn ġurnali, rivisti u kotba ta' żmienna. Il-materjal kollu tal-ktieb kien deher fil-ġurnal ta' kull ġimgħa* "Leħen is-Sewwa"*, miktub minn korrispondent speċjali. Kull min hu midħla tal-ġurnal* "Leħen is-Sewwa" *jaf biżżejjed kemm tkun imżewqa, interessanti u attwali paġna 3 li bir-raġun ġġib it-titlu "Attwalità".*

*F'dan il-ktieb, il-qarrej jiltaqa' ma' tant nies famużi u magħrufa, bħal per eżempju, kittieba, teoloġi, papiet, kantanti, politiċi, sportivi, xjenzjati, ġurnalisti, poeti, artisti. . . .u tant u tant oħrajn.*

*Kważi f'kull paġna ssib ritratt jew stampa. Ta' għajnuna huwa l-werrej, bil-lista tas-suġġetti u tal-persunaġġi kollha li jissemmew fil-ktieb. Il-ktieb huwa utli għal kulħadd. Il-qligħ mill-bejgħ ta' dan il-ktieb imur b'rizq il-Missjoni fil-Guatemala. Il-ktieb jinsab għall-bejgħ mil-*Lumen Christi Bookshop *f'Għawdex, li huma distributuri ewlenin ta' dan il-ktieb, u mill-ħwienet tal-kotba reliġjużi f'Malta.*

***Kan. John Ciarlo`***

# Żmien ir-Randan



*Wara l-jiem ta' ferħ u bluha*
*Ifeġġ fuqna ir-Randan —*
*Erbgħin jum ta' penitenza*
*Xi ftit iebes żmien bħal dan!*

*Fid-deżert Ġesu' ġie mġarrab*
*W ix-xitan dlonk ittentah*
*Għal jiem sħaħ f'sawm w astinenza*
*Bla xejn kwiet u nifs ma tah!*

*Bħall-Imgħallem ukoll aħna*
*Jeħtieġ nagħmlu sagrifiċċju*
*Jekk ħtijietna rridu nħassru*
*U l-fejqan ta' ruħna nfittxu.*

*Drawwa għażiża tul dal-ġranet*
*Hija "It-Triq tas-Salib".*
*Li fil-knisja n-nies tinvista*
*Il-fejqan fiha ssib.*

*U l-istorja tal-Passjoni*
*Tara int tinħatt b'mod kiefer —*
*Minn x'ħin l-Ort Ġesù mar ħalla*
*Ma' salib spiċċa bl-imsiemer.*

*Ir-Randan ikompli triqtu*
*Sa ma tasal id-Duluri,*
*Festa għażiża u devota*
*Lilha mħabba l-folla turi.*

*Dit-tifkira tieħu sura*
*Ta' "pageant" ġewwa x-Xewkija*
*U fir-Rabat, Purċissjoni*
*Mill-Isqof tkun immexxija.*

*Ir-Randan jilħaq il-qofol*
*Mal-wasla tal-Ġimgħa l-Kbira —*
*Purċissjoni mhux biss waħda*
*Fostna ssir bħala tifkira.*

*Fiż-Żebbuġ, Nadur u Xagħra,*
*Minn San Ġorġ u l-Katidral*
*Statwi sbieħ tilmaħ jinġarru*
*Fuq spallejn żgħażagħ u tfal.*

*Ma' dawn tilmaħ bandalori,*
*U irġiel ikaxkru l-ktajjen*
*Noti kiebja 'ttina l-banda*
*Xi tabella jġorr xi tfajjel.*

*Dan kollu irid ifakkar*
*Xi kemm swiet il-fidwa tagħna*
*Minn x'hiex għadda l-Iben t'Alla*
*Biex mit-tajn ilkoll jerfagħna.*

*Dar-Randan immela ħuti*
*Ma nħalluhx jiġi għalxejn,*
*Iżda nagħmlu l-almu tagħna*
*Ta' dnubietna nħallsu d-dejn.*

*Ħsibijietna għalhekk Mulejna*
*Lejk Ġesù ngħollu llum —*
*Irriduk issaltan fuqna*
*Ta' ħajjitna kun it-tmun.*

***Rabat***
***Għawdex***

***Kav. Joe M. Attard***
***28 ta' Frar 2001.***



# Il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir fil-Mużika Klassika

*Riċerka Diskografika ta' Dun Anton Sultana*

*Jekk żmien il-Milied u l-festa għażiża tat-Twelid ta' Ġesù kienu ta' ispirazzjoni għal tant mużiċisti u kompożituri sabiex jikkomponu uħud fost l-aqwa xogħolijiet mużikali, dan nistgħu ngħiduh ukoll għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir, li wkoll kienu ta' ispirazzjoni qawwija għal bosta kompożituri sabiex jinsġu uħud fost l-aqwa xogħolijiet tagħhom.*
*Tajjeb li fil-qosor nagħtu ħarsa lejn dan il-wirt immortali li ħallewlna u li tistgħu ssibuh għall-kiri fuq CD Albums fil-Librerija Diskografika tal-Lumen Christi Media Centre ta' Għawdex.*

## 1. Innijiet u Mutetti Sagri marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa




*"Miserere" - Gregorio Allegri (CD 315)*
*"Peccantem me quotidie" - G.P.da Palestrina (CD 315)*
*"Adoramus te" - Claudio Monteverdi (CD 315)*
*"Feria VI in parasceve" - T.L.De Victoria (CD 316)*
*"Super Flumina" - G.P.da Palestrina (CD 555)*
*"Crux Fidelis" - D.Bartolucci (CD 555)*
*'Crux Fidelis" - King John IV tal-Portugall (CD 867)*
*"Quare tristis es, anima mea" - Orlando di Lasso (CD 871)*
*"Jesu dulcis memoria" - Jacopo Peeters (CD 871)*
*"Adoramus te" - Lorenzo Perosi (CD ġdida)*
*"Miserere" - Gioacchino Rossini (CD 341)*
*"Crucifixus" - Antonio Lotti (CD 315)*
*"Conductus: Die Christi veritas" - Philippe Le Chancellier (CD 348)*
*"Credo quod Redemptor meus vivit" - Alonso Lobo (CD 759)*
*"Crucifixus" - Antonio Caldara (CD 857)*
*"Crux Fidelis" - Estevao De Brito (CD 857)*
*"Terra tremavit" - Giovanni Pier Luigi da Palestrina (CD 349)*
*"Vexilla Regis" - Anton Bruckner (CD 757)*
*"O Divine Redeemer" - Charles Gounod (CD 63)*
*"The Holy City" - Adolph Adams (CD 548)*
*"Christus Factus Est" - Anton Bruckner (CD ġdida)*




## 2. Oratorji u Cantatas tal-Passjoni

*"The Seven Last Words" - Joseph Haydn (CD 68/306)*
*"St. John's Passion" - J.S.Bach (CD 145/146)*




*"St. Matthew's Passion" - J.S.Bach (CD 160/266)*
*"La Passione. Le Sette Parole di Cristo" - Domenico Bartolucci (CD 147/148)*
*"Passio Domini Nostri Jesu Christi Secundum Johannem" - Cipriano De Rore (CD 544)*
*"Membra Jesu Nostri" - Dietrich Buxtehude (CD 898)*
*"The Seven Days of Passion" - Alexander Grechaninov (CD 904)*
*"Via Crucis" - Franz Listz (CD 921)*
*"Olivet to Calvary" - J.H. Maunder (CD 926)*
*"The Crucifixion" - Sir John Stainer (CD 950)*
*"La Passione di Cristo secondo San Marco" - Lorenzo Perosi (CD ġdida)*

## 3. "Stabat Mater" differenti

*"Stabat Mater" - Domenico Scarlatti (CD 191)*
*"Stabat Mater" - Franz Joseph Haydn (CD 305)*
*"Stabat Mater" - Giuseppe Verdi (CD 772)*
*"Stabat Mater" - Giovanni Battista Pergolesi (CD 337)*
*"Stabar Mater" - Antonin Dvorak (CD 141/142)*
*"Stabar Mater" - Gioacchino Rossini (CD 326/946)*
*"Stabat Mater" - Franz Schubert (CD 326)*
*"Stabat Mater" - Antonio Vivaldi (CD 326)*
*"Stabat Mater" - Karol Szymanowski (CD 511)*
*"Stabat Mater" - Francis Poulenc (CD 946)*
*"Stabat Mater" - Zoltan Kodaly (CD 555)*







## 4. Oratorji b'rabta mal-Qawmien ta' Kristu

*"Resurrexi" - Gerald Near (CD 931)*
*"La Risurrezione di Cristo" - Lorenzo Perosi (CD ġdida)*
*"La Grande Pasqua Russa" - N.Rimski Korsakov (Cassette TK 17)*
*"Alleluia" mill-"Messiah" ta' Frederic Handel (CD 155)*
*"Easter Oratorio" - Johann Sebastian Bach (CD 578)*

## 5. Innijiet b'rabta mal-Qawmien ta' Kristu

*"Allelulia Christus Resurgens" - Perotinus Magnus (CD 348)*
*"The King of Love my sheperd is" - J.B.Dykes & H.W.Baker (CD 706)*
*"Russian Chants" mill-album "Eastern Russian Liturgy" (CD 506).*
*"Eastern Hymn" - Giovanni Pier Luigi da Palestrina (CD 770).*
*"Easter Carol" - Charles Ives (Cassette)*
*"Let God Arise" - Dmitri Bortnyansky (CD 876).*
*"Jubilate Deo" ta' Giovanni Gabrieli (CD 315)*
*"Maria Magdalena" - Francisco Guerrero (CD 759)*
*"Surrexit Pastor Bonus" - Jean L'Heritier (CD 867)*
*"O Lord Arise - Alleluia" - Thomas Neelkes (CD 343)*
*"Exultate Jubilate" ta' Wolfgang A. Mozart (CD 64)*
*"Eastern Hymn" ta' Pietro Mascagni (CD 63)*




*Din kienet ġabra fil-qosor ta' xi wħud mix-xogħolijiet mużikali l-aktar famużi, ispirati mill-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesu` Kristu. Jalla dawn il-jiem imqaddsa jkunu ta' għajnuna għalina, anke mużikalment, sabiex nidħlu aktar fil-qalba ta' dan il-misteru kbir tas-salvazzjoni tagħna.*



# rajna l-Knisja tinbet fl-Albanija

minn Fr. Gerard Buhagiar

*Kien bħal daż-żmien sena meta Mons. Isqof, talabni biex immur naħdem fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ f'San Lawrenz u dan minħabba li Dun Manwel Cutajar kien se jħalli l-parroċċa biex imur jaħdem bħala missjunarju fl-Albanija. Sibt grupp sabiħ ta' żgħażagħ ħerqana biex jaħdmu u biex ikomplu jagħtu ħajja liċ-Ċentru tagħhom. Iżda waħda mill-ewwel ħwejjeġ li talbuni kienet: "Meta ser immorru nżuru lil dun Manwel fl-Albanija?" It-tweġiba tiegħi kienet li meta jkun il-waqt immorru żgur. Hekk kien, u din ix-xewqa seħħet fil-ewwel jiem ta' Frar, meta jien flimkien ma grupp ta' seba' persuni minn San Lawrenz qbadana l-ajruplan lejn l-Albanija. Għal xi wħud minn dawn iż-żgħażagħ din kienet l-ewwel safra. Magħna wkoll ġew żewġ saċerdoti oħra, Fr. Nazju Borg u Fr. Effie Masini.*



*xi bunkers ħdejn id-djar*



*Dun Manwel Cutajar iżur il-familji foqra*

Ta' min jgħid li l-Albanija, li tinsab biss siegħa u kwart ajruplan bogħod minn gżiritna, hija pajjiż li qiegħed jitħabat biex forsi jqum fuq saqajh, wara l-qerda li ħalliet warajha l-eħrex dittatura komunista li kien hawn fid-dinja. Huwa biss għaxar snin ilu li fl-Albanija ġiet permessa l-libertà reliġjuża u l-ftit saċerdoti li kien baqa' fil-ħabsijiet ġew meħlusa. Illum baqa' biss ħajjin Isqof, li kellna x-xorti niltaqgħu miegħu, u minn fommu nisimgħu minn liema tbatija kellu jgħaddi matul 13-il-sena ħabs, u żewġ saċerdoti oħra.

Kienu għadhom kemm daqqu l-għaxra ta' filgħodu meta bdejna l-inżul tagħna fl-Albanija, u minn fuq l-ajruplan wieħed seta' jammira is-sbuħija naturali ta' dan il-pajjiż, pajjiż kollu ħdura u muntanji sbieħ. Iżda hekk kif l-ajruplan mess ma' l-art mill-ewwel bdilna ħsibijietna, u wieħed fostna nstema jgħid: "U hawn fejn ġejna?". Impressjonanti kif tul ir-*runway* u l-ajruport kollu, (jekk jista' jissejjaħ ajruport), kien mimli suldati! X'ħin dħalna f'kamra mimlija wkoll bis-suldati, f'nofshom nilmħu lil Dun Manwel ixejjer u kollu daħkan jistenniena. Ħriġna mill-ajruport u qbadna t-triq lejn Mammuras li tinsab biss tlett kwarti 'l bogħod. Tul it-triq stajna nammiraw is-sbuħija naturali ta' dan il-pajjiż: muntanji, pjanuri sħaħ ta' ħdura, u xmajjar, waqt li minn naħa l-oħra kull ftit metri bdew jidhru numru bla għadd ta' *bunkers* li l-ex-dittatur Enver Hosha (tinqara Hoġa) kien bena biex b'hekk iżomm poplu sħiħ taħt il-biżgħa li se jkun attakkat mill-Istati Uniti jew mill-Ewropa. Kull *bunker* kien iservi biex x'ħin kienet iddoqq is-sirena l-irġiel iħallu djarhom u jinżlu fihom bl-armi f'idejhom biex jiddefendu l-pajjiż. Qalulna wkoll li bl-ispiża ta' *bunker* wieħed kienu jinbnew tlett idjar. Minn dawn il-*bunkers* inbnew 'il fuq minn miljun wieħed. Bdejna naraw id-djar, djar foqra, kamra jew tnejn u xi wħud minnhom huma djar ta' l-injam u minn ġewwa miksija bil-kartun biex jilqgħu l-kesħa. Xenarju ta' pajjiż tat-tielet dinja f'nofs l-Ewropa!

Wasalna fil-parroċċa, u quddiemna dehret il-Knisja ta' Mammurras, knisja prefabbrikata, jiġifieri mibnija bi travi

tal-ħadid u miksija bi pjanċi ta' ħadid u ġibs. Ta min jgħid li l-knejjes kollha kienu inqerdu taħt id-dittatura, u kien baqa sħiħ biss il-katidral ta' Xkodra għaliex id-dittatur kien jużah bħala *gym* għas-suldati tiegħu. Iżda aktar mill-bini, hawn iltqajna man-nies, nies jippassiġġaw kważi l-ġurnata kollha għaliex erbgħa fil-mija biss għandhom xogħol, u l-oħrajn l-anqas biss għandhom mezzi biex jaħdmu ir-raba. Ma' kull min titkellem kwazi kollha jgħidulek li huma nsara, iżda wara tintebaħ li ftit huma l-imgħammda. Kollha imnisslin minn familji nsara li minħabba il-komuniżmu ma setgħux jgħixu l-fidi tagħhom. Waħda tfajla ta' sbatax-il-sena qaltilna li l-ġenituri tagħha qatt ma għamlu s-sinjal tas-salib minħabba l-biżgħa li jekk xi ħadd minnhom jinqabad, hemm imdendla fuqu l-kundanna ta' seba' snin ħabs. Kulħadd kien jitlob fis-skiet u fil-moħbi ta' qalbu. *"Issa, għallinqas"*, kompliet tgħidilna *"qed ngħixu l-fidi tagħna mingħajr biża"*. U dan jidher ċar għaliex ħafna huma dawk it-tfal u żgħażagħ li qed jitolbu li jirċievu l-Magħmudija u s-sagramenti l-oħra.

Esperjenza sabiħa għalina kienet meta nhar il-Ħadd 11 ta' Frar, 54 persuna mill-età ta' għaxar snin sa 16-il-sena rċivew il-Magħmudija. Dan jista jsir grazzi għall-preżenza ta' xi sorijiet Taljani, Dun Manwel u katekisti żgħażagħ li qed jiġu preparati tant tajjeb minnhom. Dawk kollha li ħadu l-magħmudija kollha kemm huma kitbu talba lil Kristu. Hekk kiteb fost l-oħrajn Edward, tfajjel ta' tnax-il-sena: *"Mulej Ġesù, dan huwa l-isbaħ jum ta' ħajti, ilni nistennieh ħafna snin. Illum jiena sejjer insir ħuk u sejjer ikolli x-xorti li għall-ewwel darba insejjaħ lil Alla, Missieri. Nitolbok Mulej, uża l-qawwa tiegħek biex fid-dinja qatt aktar ma ssaltan il-kefrija u l-mibgħeda, iżda ssaltan biss l-imħabba, il-maħfra u l-paċi"*.

Dorina katekista żagħżugħa ta' tmintax-il-sena, li kienet waħda mill-ewwel grupp li rċieva l-magħmudija disa' snin ilu, qaltilna: *"Li nkun katekista hija xi ħaġa sabiħa ħafna għalija. Għaliex kif jiena sibt lil Swor Gulja li wasslitli lil Kristu u hekk qalbi mtliet bil-ferħ, hekk wkoll jiena rrid inwassal il-ferħ ta' Kristu lil oħrajn. Anke li nagħmel dan jitlob minni sagrifiċċji kbar, iżda fija nħoss ferħ kbir, għaliex nemmen li Kristu qiegħed qrib tiegħi u jgħinni hu"*. Lorenz: *"Il-fidi twassalna biex nifhmu li l-ħajja hija sabiħa, anke jekk għandna ħafna diffikultajiet u tbatija. Iżda meta jkollok il-fiduċja, tama u ċertezza li Kristu jinsab fik, u inti tisimgħu u tiftaħ qalbek għalih, anke jekk xi drabi niżbalja, jien ċert li qatt ma hu sejjer jitlaqni. U dan inissel fija ferħ"*.

Għalkemm kienu ftit il-jiem li għaddejna fl-Albanija nistgħu ngħidu li rajna Knisja qed tinbet mill-ġdid wara snin sħaħ ta' persekuzzjoni. Rajna l-ħeġġa ta' tant żgħażagħ li għalkemm jonqoshom ħafna ħwejjeġ, huma żgħażagħ ferħana, zgħażagħ li ta' kuljum fis-6.30 ta' filgħodu jimlew il-Knisja biex flimkien jgħidu r-rużarju u jiċċelebraw l-Ewkaristija. Nispiċċa bl-aħħar kelmiet li qaltilna Mailinda qabel ma tlaqna: *"Għalkemm ma nafx liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin nixtieqilkom biss li tibnu ħajjitkom fuq il-kliem ta' Kristu u fuq ħadd aktar. Nixtiequlkom il-vjaġġ it-tajjeb u nistennewkom mill-ġdid fostna"*.


*Il-Knisja ta' Mamurras*


*il-grupp li rċevew il-Magħmudija*


*iċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija*


*il-grupp li mar l-Albanija*

# SQUARE CELLAR

*Widest Selection of*
*Wines and Spirits of all kinds*
*American, English & French Cigarettes*
*Finest Cigars and Pipe Tobaccos*

**Prop.: Joseph Grech**
**24, St. George's Square, Victoria - Gozo. Tel: 551845 or 556141**

***SPECIAL DISCOUNTS ON LARGE ORDERS***

# Manuels JEWELLERIES

*13, St. Francis Square,*
*Victoria, Gozo. Tel: 556155*

*141, Republic Street,*
*Victoria, Gozo. Tel: 556288*

***L-irħas prezzijiet fuq bejgħ ta' oġġetti tad-Deheb, Fidda, Djamanti u Arloġġi***

***Tiswijiet Professjonali u Engraving Kompjuterizzat***

***Electro Plating għal Kalċijiet, Pissidijiet u ħafna affarijiet oħra***

***Kull biċċa xogħol tiġi garantita***

***Ix-xogħol kollu jiġi maħdum mid-ditta stess***
***u ma għandna ebda konnessjoni ma' ħwienet oħra***

# The Showcase

**SCICLUNA**
*HOUSEHOLD GOODS*
The household department store for the housewife, with two levels, where one can find his home need, under one roof, with very competitive prices, quality and service.

THE GIFT SHOP WITH AN EXCLUSIVE RANGE OF GIFTS FOR ALL YEAR ROUND OCCASIONS

**CANE SHOP**
The wicker and rattan shop with a vast range of cane furniture. We can also accept nonstandard sizes according to the customer request.

Scicluna Household Goods (Gozo) Ltd. - 32 Palm Street, Victoria, VCT 103.
*Tel:* 554137 - 556493 *Fax:* 561681 *Email:* sciclunajg@vol.net.mt


Agħti sehemek fil-Kampanja ta' l-RTK
b'risq l-estensjoni tad-
DAR TAL-KLERU f'taċ-Ċawla
Ibgħat l-offerta lil Kapp. Ġorġ Bezzina,
Uffiċċju Parrokkjali, Fontana

Rainbow Paints
Special Offer
15th March - 28th April 01
Discounts on


5% on water paint
7% on ceiling coving & borders
10% on curtain rails
and much more!

*The best quality and the best prices!*
*All you need to do to benefit from this offer*
*is to present this flyer at*
**Rainbow Paints** *which is situated in:-*
FORTUNATO MIZZI STREET, VICTORIA, GOZO.
**(Under tal-Mudell Hardware Shop)**
TAL-MUDELL HARDWARE SHOP


*ikompli minn paġna 9*

**ELEZZJONIJIET KUNSILLI LOKALI 2001**

## XAGĦRA


Attard Anthony (PN)


Attard Maria Assunta (PN)


Bonello Saviour (MLP)


Cordina Joseph (MLP)


Refalo Carmelino (PN)

## MUNXAR


Bajada Mark (PN)


Bezzina Georgia (PN)


Gauci Mario (MLP)


Said Carmen (MLP)


Sultana Joseph (PN)

## Frenċ ta' l-Għarb - 4

# It-Talb u l-Għolja ta' Għammar


*Waħda mill-istatwi tal-Via Sagra li hemm fuq l-Għolja t'Għammar*

**jikteb Angelo Xuereb**

Il-bniedem ta' Alla ma huwiex kuntent biss li jħobb lil Alla iżda jagħmel minn kollox biex in-nies l-oħrajn iħobbuh. Għalhekk kwazi dejjem fil-ħajjiet tal-qaddisin naraw li huma ħolmu bi proġetti li kellhom jagħtuhom imrar iżda għamluhom għall-akbar glorja t'Alla.

Frenċ lejn l-aħħar snin ta' ħajtu beda juri imħabba speċjali lejn l-għolja ta' Għammar. Huwa ġie li kien iqatta' xi lejl jitlob fuq din il-għolja jew xi waħda qrib. Lejn l-aħħar sitt snin ta' ħajtu din l-għolja bdiet tiġbdu u ssaħħru aktar. Huwa ma damx ma tella' santa kbira tal-Madonna Ta' Pinu. U saritilha wkoll niċċa.

Għalkemm huwa ried li jxerred l-istess devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu, madankollu huwa bħal donnu xtaq li tinbena xi kappella. Izda l-Isqof ta' dak iz-zmien Mons.Guzeppi Pace ma qabilx li tinbena Knisja anzi fis-sena 1961 huwa ordna li n-niċċa li kien hemm titneħħa. Izda għalkemm din l-ordni ma għoġbotx lill-Frenċ, madankollu huwa obda lill-Isqof tiegħu

Imbagħad fil-21 ta' Diċembru, ittella' salib fuq l-għolja ta' Għammar. Frenċ kien preżenti għal dik l-okkażjoni. Minn dak iż-żmien 'l hawn bdew isiru pellegrinaġġi bejn is-Santwarju Ta' Pinu u l-għolja ta' Għammar. Kien jingħad ir-Rużarju, kif ukoll bdew isiru meditazzjonijiet fuq l-istazzjonijiet tal-Via Sagra.

Infatti fis-sena 1963 l-Isqof stess mar iżuru. Frenċ staqsieh kellux itella' n-nies. L-Isqof wieġbu: Għaliex le? Minn min qed tibża'? Għal hemm m'għandekx bżonn ta' ċwievet. Għalhekk nistgħu naraw li l-opra li beda Frenċ ġiet approvata mill-Knisja lokali.

Għal dawk li kienu jafdaw f'dan il-bniedem, ta' Għammar saret għolja qaddisa. In-nies bdiet bi ħġarha tmur hemm. Saħansitra kien hemm min xerridha li xi ħadd kellu xi viżjonijiet hemmhekk.

Infatti Frenċ stess ammetta li huwa qatt ma ra xejn fuq dik l-għolja iżda kien iħossu qrib tal-Madonna.

*Dan il-proġett ta' l-għolja ta' Għammar li beda Frenċ tal-Għarb għadu magħna sal-lum. Bosta nies għadhom jitilgħu fuq l-għolja jagħmlu l-Via Sagra u biex jitolbu l-Madonna. B'hekk b'dan il-proġett ta' l-għolja ta' Għammar Sidna Ġesu Kristu għadu jigi magħruf u maħbub.*








***Konċistorju Tal-Kardinali għal Mejju***

Ġwanni Pawlu II se jsejjaħ konċistorju straordinarju tal-Kardinali kollha (183) bejn il-21 u l-24 ta' Mejju 2001 biex janalizzaw fost ħwejjeġ oħra, il-ministeru tal-Papa u l-kolleġġjalità ta' l-Isqfijiet. It-tema prinċipali se tkun l-istudju tal-prospetti tal-Knisja għat-tielet millenju, fid-dawl ta' l-ittra apostolika tal-Papa *Novo Millenio Ineunte.* Hu mistenni li jagħmlu evalwazzjoni finali tal-Ġublew, li tulha jiddiskutu b'mod partikulari l-kwistjoni tad-dejn tal-pajjiżi foqra.

***Sri Lanka: "Il-Paċi Mixtieqa"***

Il-qniepen tal-knejjes daqqew fil-lejla tas-17 ta' Frar fil-bidu ta' xahar ta' talb dedikat għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni. Wara saret *ora santa* fil-katidrali tal-ħames djoċesijiet. Tul it-18-il sena ta' gwerra ċivili bejn il-Gvern immexxi mis-Sinhalese u r-ribelli Tamil, 60,000 ruħ inqatlu u aktar minn miljun ġew spostati.

***Ġermanja: il-Musulmani jissaħħu***

Il-komunità musulmana tal-Ġermanja żdiedet minn 6,000 fl-1945 għal aktar minn 3 miljuni fil-bidu tal-millenju l-ġdid. Intant il-Knisja Kattolika u l-Knejjes ewlenin Protestanti tilfu 1.2 miljun membru bejniethom tul l-aħħar tlett snin. Attwalment għandhom 27 miljun membru t-tnejn li huma. Skond sorsi Iżlamiċi, aktar minn żewġ terzi tal-Musulmani huma fidili mpenjati waqt li biss 5 fil-mija tal-Protestanti u 18 fil-mija tal-Kattoliċi jipprattikaw il-fidi tagħhom.

***El Salvador: terremot kbir***

L-aġenzija kattolika Cafod ħabbret għotja ta' 100,000 dollaru Amerikan lil El Salvador wara traġedja oħra kawżata mit-tieni l-akbar terremot li laqat il-pajjiż fi żmien xahar. Kien ta' 6.1 fuq l-iskla Richter u laqat qrib il-bliet ta San Vicente u Cojutepeque, fuq art li ddgħajfet minħabba t-terremot ta' Jannar. Aktar minn 200 persuna ġew rappurtati mejtin u aktar minn elfejn ruħ sfaw bla dar.

***Konċistorji straordinarji msejħa minn Ġwanni Pawlu II bid-dati li fihom ġew miżmuma u s-suġġetti li ġew trattati***

| | |
|---|---|
| **5-9 Nov. 1979:** | dwar l-applikazzjoni tal-Konċilju Vatikan II, ir-riforma tal-Kurja Rumana, ir-relazzjonijiet bejn il-Kultura u l-Knisja u l-kwistjoni tal-finanzi tal-Vatikan. |
| **23-26 Nov. 1982:** | mill-ġdid dwar il-finanzi tal-Vatikan wara l-falliment tal-Bank Ambrożjan, istituzzjoni privata li fuqha l-Vatikan kien jiddependi għall-operazzjonijiet tiegħu. Komplew janalizzaw ir-riforma tal-Kurja Rumana u l-applikazzjoni tal-Kodici tal-Liġi Kanonika li kien se jiġi promulgat. |
| **21-23 Nov. 1985:** | fuq ir-relazzjonijiet bejn is-Santa Sede u d-Djoċesi, u bejn il-Papa u l-Isqfijiet. Sar pass deċisiv fir-riforma tal-Kurja Rumana, li wara l-Papa implimenta. |
| **4-6 April 1991:** | "fuq il-gwerra bejn il-kultura tal-mewt u l-kultura tal-ħajja" u l-attakk tas-setet fuq il-Knisja Kattolika. |
| **13 ta' Ġunju 1994:** | dwar it-tħejjijiet għas-sena tal-Ġublew. Xi kardinali wrew oppożizzjoni għat-talba tal-maħfra li l-Papa xtaq jagħmel għall-iżbalji ta' wlied il-Knisja tul iż-żminijiet. Il-Papa semma l-isfida kbira tal-mixja lejn l-għaqda sħiħa mal-Knisja Ortodossa, wara kważi elfejn sena ta' firda. |




© Anton F. Attard

# IL-MARA FIL-FOLKLOR GĦAWDXI

*( Ir-Raba' Parti )*

## DRAWWIET OĦRA U SUPERSTIZZJONIJIET

Issa se naraw xi drawwiet u superstizzjonijiet antiki, kemm dawk li spiċċaw, kif ukoll dawk li għadhom jeżistu.

Meta xebba tilħaq għaż-żwieġ id-drawwa kienet li joħorġu qasrija fil-gallerija jew fuq xi ħarrieġa. Dari n-nisa ma kinux jistgħu joħorġu wisq ħlief kmieni ħafna u meta jagħmlu dan kienu jkunu mleffa tajjeb f'mantell b'wiċċhom imgħotti u ma jidhirx ħlief għajnejhom. Ix-xebbiet u l-miżżewġin kienu jilbsu differenti. Imma dan l-użu ilu li nqata'.

Meta ssir il-kitba taż-żwieġ l-għarus iwiegħed lil għarusa li jeħodha xi festi popolari bħalma kienu San Girgor u l-Imnarja. Din id-drawwa aktarx daħlet minn Malta. Qabel jagħtu l-kelma lill-għarusa kienu jidilkulha xufftejha b'taħlita li minbarra ħxejjex aromatiċi kien ikun fiha l-għasel biex minn fommha joħroġ biss kliem ħelu. Wara t-tieġ l-għarusa ma kenitx tmur id-dar tagħha mill-ewwel, imma tgħaddi ġimgħa oħra għand missierha. Imbagħad issir il-ħarġa meta l-għarusa tħalli dar il-ġenituri tagħha u tmur toqgħod ma' żewġha.

Mill-ferħ tal-festa tat-tieġ se mmorru għad-dwejjaq tad-drawwiet folkoristiċi dwar il-mewt. Meta jmutilhom xi ħadd, dari n-nisa kienu jdumu ġimgħat sħaħ ma joħorġu, ħlief kmieni filgħodu biex jisimgħu l-quddies, mhux inqas minn erbgħin jum. Illum idumu biss xi tlett ijiem. Tradizzjoni antika kienet titlob li n-nisa ma jsajjrux għal tlett ijiem. L-ikel kien jingħata mill-ħbieb jew qraba, anki mbegħdin. F'dak li hu lbies, in-nisa miżżewġin u l-għarajjes jilbsu l-iswed minn rashom sa saqajhom u kienu jużaw anki l-mustaxija sewda. Fl-ewwel ġimgħa tal-vistu ma kinux jilbsu u la kappell u lanqas barnuża, u kienu joħorġu bil-għonnella, li kienu jinqdew biha anki għall-knisja. Sa ftit żmien ilu għall-ġenituri kienu jdumu lebsin l-iswed tliet snin, għall-aħwa sentejn, għall-qraba oħra sena u għall-ħbieb xi xhur.

B'xorti ħażina jkolli ngħid li n-nisa huma aktar assoċjati ma' l-għajn ħażina milli l-irġiel. Kemm dari, kif ukoll illum, hawn raxxa ta' nisa li għandhom fama kerha li jgħajjnu. Biex wieħed jeħles mill-għajn ħażina ta' dawn in-nisa jrid jagħmel il-qrun - in-nisa jagħmluh bil-moħbi taħt il-fardal, inkella jilbes xi amuletti jew xi nagħla. F'Sibt il-Għid ibaħħru d-dar.

Biex ifejqu lit-tfal żgħar minn xi qatgħa f'Sibt il-Għid jaħsluhom fl-ilma bil-fjuri tas-Sepulkru. Xi tarbija li tkun se titlaq timxi ommha kienet itellaqha proprju mad-daqq tal-glorja li dari kien isir is-Sibt f'xi l-għaxra ta' filgħodu.

Xi nisa Għawdxin kienu verament jagħmlu ġid billi jpoġġu l-għadam f'postu ta' min ikun lewa jew fekkek idu jew siequ. L-aħħar mara li kienet tagħmel dan ix-xogħol kienet toqgħod iż-Żebbuġ.

Għandna ħafna rimedji mediċinali folkloristiċi dwar il-mard li jolqot in-nisa. Meta mara ddum ma tidħol fil-menstruwazzjoni tagħha kienu jippreparaw mistura mit-togħlija tas-salsaperilja li f'Għawdex hi xi ftit rari. Jekk il-menstruwazzjoni tkun abbundanti kienu jixorbu l-meraq tal-lumi. Dwar l-uġigħ ta' żaqq minħabba l-menstruwazzjoni kienu jieħdu kamumella, lumi, ilma żahar u anki jagħmlu xi sufa sħuna. Għal menstruwazzjoni żejda kienu jieklu ħafna frott frisk ta' l-istaġun.

Il-menopawsa ftit jew wisq taffettwa lin-nisa negattivament. Biex itaffu l-fwawar kawżati minnha kienu jxarrbu moħħhom b'ċarruta bil-ħall jew jixorbu l-meraq tal-għeruq tan-niġem jew il-weraq tal-qasab wara li jgħalluh u jsaffuh. Jieħdu tazza kemm-il darba kull jum. Għall-uġigħ ta' ras kienu jpoġġu patata maqsuma fuq moħħhom jew inkella jxarrbu saqajhom bil-misħun.



In-nisa mhux miżżewġa, bħas-sorijiet, kienu suġġetti li jaqgħu f'ħafna mard, speċjalment kankru u tumuri ta' l-utru. Kienu jippruvaw ifejjqu dan il-mard bi ġbajjar fuq iż-żaqq u mistura għas-suffejra. Għall-mard venerju kienu jaħslu l-parti infettata bil-meraq tal-buqexrem. Għall-irġiel, il-mard venerju jissejjaħ mard tan-nisa.

Għal dik li hi infertilità tal-koppji miżżewġin ġeneralment teħel il-mara. Imma meta jinstab li fil-fatt huwa r-raġel il-kaġun ta' kollox, allura dan kien jiekol il-mazzit mid-demm tal-barri għaliex b'hekk kien maħsub li jżid fil-fertilità. Kien maħsub ukoll li santa ta' Santa Eliżabbetta fuq is-sodda żżid il-fertilità billi din il-qaddisa kienet ħarġet tqila meta kienet imdaħħla sewwa fl-età. Kien ukoll maħsub li meta l-mara timxi fil-qamar kwinta żżid il-fertilità tagħha għaliex skond il-qawl: *Jekk fil-qamar tħuf, issaħħan il-ġuf.*

Dwar tqala mhux mistennija, l-aktar barra miż-żwieġ, wieħed irid igħid li dari kienet iddum ma tidher minħabba li kienu jilbsu lbies wiesa' ħafna, apparti l-għonnella li kienet ta' satra kbira għan-nisa tagħna. Infatti l-qawl igħid: Mara bil-għonnella la taf x'għamlet u lanqas x'kellha. U dari kien hemm pjanti li kienu jintużaw biex jabortixxu tqala mhux mistennija. Xejn mhu ġdid taħt il-kappa tax-xemx!

Sider il-mara huwa differenti minn dak tar-raġel. Huwa wkoll suxxettibbli għal aktar mard. Kienu jippruvaw ifejjqu xi axxess fis-sider bil-ġbajjar tan-nuħħala u saħansitra bil-ġbajjar ta' l-ippurgar tal-ħamiem. Fuq l-imsiemer kienu jagħmlu tadama maqsuma, ġbajjar tal-ħubbejża u fumenti tal-misħun. Għall-għoqod fis-sider, li xi drabi kienu jkunu tal-kankru, kienu jagħmlu xi sufa sħuna għall-uġigħ, inkella jpoġġu xi santa ta' xi qaddis li lejh ikunu devoti. F'każ ta' kankru malinn, ir-riżultat aħħari kien ikun wieħed diżastruż. Dwar meta kien jiffjamma sider il-mara li tkun tredda' lil uliedha, aktarx minħabba nuqqas ta' iġjene, kien maħsub li dan jiġri minn xi għajn ħażina. Biex ma jiġrix dan kienu jsaħħnu ftit żejt b'imgħarfa fuq lampa tal-pitrolju u jidilku sidirhom bih qabel ma jressqu t-tarbija fuq is-sider. Biex toftom it-tarbija u twaqqaf il-ħalib, l-omm ta' dari kienet torbot sidirha b'faxxa jew ħarqa. Kienu wkoll jaħslu sidirhom bl-ilma tal-buqexrem.

## KONKLUŻJONI

Dan kien fil-qosor il-folklor tan-nisa fil-gżira Għawdxija, l-aktar fl-imgħoddi u xi ftit illum. Dan ma jfissirx li m'hemmx drawwiet tan-nisa oħra komuni għal dak ta' l-irġiel jew li Malta m'hemmx aktar drawwiet folkloristiċi marbutin b'mod partikulari man-nisa. Nista' ngħid ukoll li bosta drawwiet Għawdxin jeżistu wkoll f'Malta, bl-istess mod kif drawwiet folkloristici tagħna għandhom oħrajn jixbuhom f'pajjiżi oħra, l-aktar dawk ġirien tagħna bħal Sqallija u l-artijiet Għarab tal-Mediterran. Il-messaġġ tiegħi fl-aħħar ta' din il-kitba hu li l-poplu tagħna għandu jinteressa ruħu f'dak kollu li hu tiegħu, kemm dak ta' llum, u iktar u iktar dak ta' l-imgħoddi biex ma jintesiex. Bħala poplu għandna nkunu kburin bil-folklor tagħna, l-istess bħal ngħidu aħna l-Ingliżi, poplu mill-aktar ċivilizzat li bena imperu li minn fuqu x-xemx qatt ma kienet tinżel. U għalkemm dan il-poplu kbir għandu ħafna biex jiftaħar, il-folklor tiegħu għandu tabilħaqq post prominenti.

Daqshekk ieħor aħna l-Għawdxin għandna biex inżommu quddiem għajnejna li f'dak li hu folklor għandna tabilħaqq biex niftaħru għat-tradizzjonijiet li żammejna ħajjin għal mijiet u mijiet ta' snin, u għan-nies tagħna, Għawdxin bħalna, li kienu fost l-ewlenin li ħadu interess, ġabru u studjaw materjal folkloristiku li jiswa mitqlu deheb u li mingħajru ċertament il-folklor Malti kien ikun ferm ifqar. U fost dan il-materjal, insibu b'interess speċjali, il-folklor li għandu x'jaqsam man-nisa bħala ġens u n-nofs l-ieħor ta' l-umanità.

**TMIEM**




# IL-MUŻEW TAL-FOLKLOR
## (L-Ewwel Parti)

*Wara l-mawra tagħna fil-Mużew tal-Arkeoloġija, li nispera switilkom biex titħeġġu tmorru żżuru dak il-mużew, illum se nibdew dawra oħra ma' mużew ieħor. Din id-darba ser nidħlu fil-Mużew tal-Folklor, li jinsab fi Triq Milite Bernardo de Opuo, it-tieni triq fuq ix-xellug tal-Knisja Katidrali, fl-istess Ċittadella.*

*Bħalma tafu, fl-istess ħarġiet tal-Ħajja f'Għawdex qed tiġi publikata sensiela ta' artikli dwar il-folklor tal-gżira tagħna mill-folklorista magħruf Anton F. Attard, liema artikli jiswew mitqlu deheb għal kull min għandu għal qalbu dan is-suġġett. Issa, kif naħsibha jien, dan il-mużew huwa kumplimentari għal dawn artikli. Għaldaqstant mhix l-intenzjoni tiegħi li nidħol fid-dettal tad-deskrizzjoni ta' l-oġġetti esebiti f'dan il-mużew biex ma jkunx hawn żewġ kitbiet fuq l-istess ħaġa.*

***L-arkitettura***

Id-djar qodma mibnija fl-aħħar snin tal-medjuevu, lejn l-1500, huma ta' l-istil spiss imsejjaħ ħażin bħala "Normann" jew "Sikulo-Normann". Il-karatteristiċi ta' l-arkitettura huma bażikament Sqallin, aktarx taħt influwenza Katalana (il-Lvant ta' Spanja), u għandhom xi ftit mill-istil imxerred mill-familja Chiaramonte fi Sqallija u fl-Italja t'Isfel, meta membri ta' din il-familja kienu Kontijiet ta' Malta fl-aħħar snin tas-seklu erbatax. X'aktarx li dan l-istil kompla lokalment wara li kien inqata' fi Sqallija.

Bħala grupp, dawn id-djar m'hawnx bħalhom fil-gżejjer tagħna, għalkemm hemm eżempji oħra fl-Imdina u fil-Birgu. Għalkemm mhumiex xi ħaġa tal-għaġeb, minn ġewwa għandhom dehra li togħġob, filwaqt li l-faċċata, bil-bibien għat-tond b'samrotti wiesgħin fil-ħnejjiet, twieqi mifruqa fi tnejn b'kolonna rqieqa, u t-tinqix fin fil-ġebla maltija, huma meqjusa bħala l-isbaħ fl-istil tagħhom f'Malta u Għawdex.

Sabiex jiġu mħarsa milli jaqgħu u jispiċċaw f'borġ ġebel, bħalma ġara lill-biċċa kbira tal-bini fiċ-Ċittadella, dawn l-eżempji mportanti ta' l-arkitettura domestika ta' l-aħħar snin tal-Medjuevu, ġew akkwistati mill-awtoritajiet tal-gvern f'Lulju ta' l-1981.Wara li tlestew ix-xogħlijiet meħtieġa ta' restawr, il-bini kien uffiċċjalment inawgurat bħala Mużew tal-Folklor, jew tat-Tradizzjonijiet Popolari, fl-20 ta' Novembru ta' l-1983.

***L-Assedju tal-1551***

Meta wieħed jidħol ġewwa jinnota ċertu ħmura fil-ġebla. Din il-ħmura hija mifruxa mas-sular t'isfel kollu. X'aktarx li dan il-kulur huwa marbut ma' l-assedju li kien sar fuq il-gżira ta' Għawdex fl-Lulju ta' l-1551 mit-Torok immexxija minn Sinam Paxa. Dakinhar, proprju fis-27 ta' Lulju ta' dik is-sena, iċ-Ċittadella, li ma kelliex xi swar ta' saħħa kbira, ċediet għall-qilla tat-Torok, u l-Għawdxin, madwar 5000 persuna, tkaxkru fl-iskjavitù. Ħafna bini kien inħaraq, u din id-dar, li għandna nifhmu kienet mimlija bil-qmuħ u d-dqiq, u kienet tappartjeni lil xi familja sinjura (allura mgħammra tajjeb), messitha l-istess xorti. Hekk hu għaliex illum insibu l-ġebel maħruq ġo din id-dar.

*Is-sular t'isfel*

Barra minn dan il-fatt, l-intrata tilqgħek b'dak it-taraġ wiesa', għalkemm ftit wieqaf. Is-sular ta' fuq iżomm fuq il-ħnejjiet wiesgħin u mimduda ta' l-intrata. Mill-intrata kif tħares 'il ġewwa u tara dak il-fond, taqbdek kurżità biex mill-ewwel tibda tiskopri x'fih dan il-mużew. Ħdejn ras it-taraġ insibu bir ta' fond mhux ħażin, li għal kwazi s-sena kollha jkun fih l-ilma. Dan jinġabar minn fuq il-bjut u jinżel minn katusi tal-fuħħar li jidhru fuq in-naħa l-oħra tal-ħajt ta' l-intrata. Dan il-bir, ta' forma tonda u wiesgħa, għandu żewġ bokkiet: waħda hija dik ta' ħdejn it-taraġ, u l-oħra tinsab taħt it-taraġ. Il-ħorża ta' l-ewwel bokka hija nteressanti ħafna għaliex il-parti ta' fuq hija magħmula minn parti ta' kolonna ta' l-irħam rumana, x'aktarx meħuda mit-tempju ta' Ġuno li kien jinsab flok il-Katidral, fl-istess Ċittadella. Fuq il-bir, imdendla fuq il-ħorża, naraw tarjola ta' l-injam li kienet tintuża biex itellgħu l-ilma minn ġol-bir, waqt li fuq il-ġenb tal-bokka naraw is-satal.

*Kejl*

Taħt it-taraġ naraw mdendel mal-ħajt menfaħ tal-kubrit li kienu jitfgħu fuq il-pjanti biex ma jintmessux. Iktar 'il ġewwa għal taħt it-taraġ, insibu sett ta' kejl għaż-żrieragħ li jibdew mil-kejla sat-tomna. Uħud minn dawn huma ta' l-injam waqt li oħrajn huma tal-metal. Naraw ukoll kejl għall-likwidu li jibdew minn terz sa gallun. Dawn huma magħmula mir-ramm u kienu jintużaw fil-Fanal tal-Ġordan. Ma' dawn l-oġġetti naraw ukoll pompa li biha kienu jtellgħu ż-żejt mit-tankijiet tal-ħamsa u erbgħin gallun għal ġol-laned.

*Użin*

Fil-kamra faċċata ta' hawn insibu sistemi differenti ta' wżin. Kif nidħlu fuq il-lemin, imdendla mal-ħajt,



*It-twieqi uniċi li jinsabu fil-faċċata tal-Mużew tal-Folklor*

hemm stasiji ta' kobor differenti. Il-kbira tiżen fuqha sa 600 ratal waqt li ż-żgħira tiżen biha ftit uqijat. Naturalment jeżistu stasiji ħafna akbar minn dawn, li kienu jiżnu bihom anke il-kanuni għal fuq ix-xwieni, kif ukoll oħrajn iżgħar, li kienu jintużaw biex jiżnu l-ittri fil-posta u wkoll għand tad-deheb biex jiżnu l-ġojjellerija. Għadek issib xi bidwi li għadu juża l-istasija għal bżonnijiet tiegħu. L-istasija hija magħmula minn riegla tal-ħadid li fuqha hemm immarkat l-użin anke fi frazzjonijiet żgħar. Fuq naħa waħda nsibu wkoll tliet ganċijiet. Tnejn minn dawn il-ganċijiet jispiċċaw fit-tond u l-ieħor jispiċċa bil-ponta. Ma' dan il-ganċ tal-ponta kien jiddendel l-oġġett, bħal xkejjer mimlija, laħam eċċ. Imbagħad, ir-rumana kienet tibbilanċja l-piż, u fejn tieqaf, jinqara l-użin.

Naraw ukoll imwieżen ta' kull għamla u kobor. Uħud kienu jintużaw fil-ħwienet tal-merċa, oħrajn għall-bejgħ tal-qubbajd u għal kull tip ta' użin ieħor. Min jaf kemm il-darba, meta tfajjel ċkejken ħafi niġri ġo Marsalforn, kont nara xi sajjied ibigħ il-ħut u flok użin kien ikollu ċ-ċagħak, naturalment ekwivalenti għall-użin. Is-sajjied, miskin, ma kienx ikollu flus

CVC
citadel video communications
you name it...
...we do it
Leaders in Sights & Sounds of Gozo
CVC Ltd.
By The Bastion Road, Victoria Gozo Malta
Tel/Fax:551936
Mobiles:09491816/ 09460747
E-Mail:cvc@gozotv.com Website:www.gozotv.com

biżżejjed biex jixtri sett użin uffiċċjali. Kien jippreferi juża l-flus għall-bżonnijiet taċ-ċorma wlied li kien hemm iduru ma' djul martu. Fuq xkaffa fuq il-lemin ta' din il-kamra hemm sett użin tal-bronż li jibda minn nofs uqija sa wiżna. Għal dawk li ma jiftakrux, flok il-kilogrammi konna nużaw l-irtal.

Hawnhekk xieraq li nagħti xi miżuri u wżin li kienu jintużaw dari u l-ekwivalenti tagħhom illum:

**Tabella**

*Tul:* qasba = 8 xbar = 82.5 pulzieri = 2.095 metri
jarda = 3 piedi = 36 pulzier = 0.914 metri

*Area:* modd = 16-il-tomna = 96 sigħan = 960 kejliet = 1.799 ettari

*Volum:*
barmil = 4 ġarar = 8 kwarti = 152 terzi = 43.187 litri
gallun = 4.56 litri

*Massa:*
qantar = 20 wiżna = 100 ratal = 3000 uqija = 79.379 kilogrammi
1 ratal = 800 grammi

*Flus:* lira = 20 xelin = 240 sold = 100 ċenteżmu

Fin-nofs tal-kamra naraw il-paskula, tip ieħor ta' użin. Fuq din kienu jintiżnu kull kwalità ta' oġġetti ta' ċertu kobor, bħal ngħidu aħna, ċestuni bil-patata jew bil-basal u ħwejjeġ oħra. Imma l-aktar li nġib quddiem għajnejja huwa meta fi żmien it-tadam,



*In-naħa ta' ġewwa hekk kif tidħol fl-intrata*

il-bdiewa kienu jieħdu l-prodott tagħhom biex jintiżen għand Ta' Għakrex, li kellhom il-magna għall-għasir tat-tadam. Niftakar ukoll l-istess paskula tintuża mill-piżatur meta kien jiżen l-għeneb għand l-għassara.

Kif wieħed joħroġ minn din il-kamra, mal-ħajt fuq il-lemin jara mdendlin żewġt imnieġel wieħed kontra l-ieħor. Dawn qegħdin hekk biex juru li wieħed kien għal min huwa lemini u l-ieħor għal min huwa xellugi. Fil-fatt, ix-xfafar huma maqlubin kontra xulxin. Fejn l-imnieġel hemm ukoll il-kejl tal-qatta. Ngħidu aħna meta jsir il-ħsad, dan kien jinġabar f'qattiet, u dan kien il-kejl. Imbagħad kien jinbiegħ fi ħmula, u kull ħamel kien ikun fih tmien qattiet hawn Għawdex, għax f'Malta mingħalija kull ħamel fih għaxra.

*ikompli fil-ħarġa li jmiss*

***Aħbar tajba għal dawk kollha li jħobbu l-wirt tal-Gżejjer tagħna***
***Id-Dipartiment tal-Mużewijiet qed joffri dħul b'xejn fil-mużewijiet u s-siti li jaqgħu taħtu, lill-Maltin u l-Għawdxin kollha, kull l-aħħar Ħadd ta' kull xahar.***
***Inħeġġukom biex tapprofittaw minn din l-offerta.***

GESTHER RESTAURANT

Specializing in Local Dishes
Open from Monday to Saturday at Lunchtime
Gemma & Esther Said
8th Sept. Avenue, Xaghra, Gozo • Tel: 556621

la femme
Ladies, teenage and child boutique
Karlu Galea Str., Victoria, VCT 111 - Gozo, Malta.
Tel. (+356) 564243 / 558866
Fax. (+356) 564215
Moh. 0947 0114


*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji irrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 553352 / 562211 - Mob. 099 5001 - Fax 562211




**ISSA TISTA' THAWWAR IL-BORMA BĦAL DARI!**

ISSIB, HWAWAR, HXEJJEX AROMATIĊI, FROTT IMQADDED GĦALL-ĦELU U PRODOTTI OĦRAJN GĦAL-IKEL

14-15 KERĊEM RD. VICTORJA, VLP 104 GOZO. TEL: 562160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Ftit Togħma Tajba!

Ħafna drabi aħna t-tobba għandna tendenza li nkunu negattivi. Ngħidu lil dak li jkun x'ma jistax jiekol u x'ma jistax jagħmel, iktar milli x'jista' jiekol jew jagħmel! Dan jiġri għax minħabba ċertu mard irridu nieħdu dieta speċjali, u ċerti oġġetti ta' l-ikel jagħmlulna l-ħsara. Per eżempju, jekk wieħed ikollu d-dijabete ma jistax jiekol affarijiet ħelwin, jekk ikollu l-kolesterol irid inaqqas ix-xaħmijiet kemm jista' jkun, u jekk ikollu l-pressjoni jrid jillimita l-melħ. Dawn il-prekawzjonijiet jew pariri kulħadd jafhom. Illum ser ngħid xi ħaġa dwar ċertu tip ta' ikel li soltu jitqies bħala ħażin għas-saħħa. Tifhmunix ħażin! Dan it-tip ta' ikel jew xorb huwa ħażin jekk jittieħed fi kwantitajiet kbar. Min-naħa l-oħra jekk jittieħed bil-moderazzjoni huwa ta' ġid għal saħħitna.

Wieħed mill-iktar oġġetti ta' l-ikel li għandu fama li jagħmel l-ħsara huwa l-kafè. Jista' jkun li l-iżvantaġġi tiegħu huma xi ftit imkabbra minna. Ftit huma dawk li jafu bil-vantaġġi li għandha din ix-xarba. It-taċċi tal-kafè mitħun fihom ħafna sustanzi li jissejjħu *antioxidants*. Dawn jipproteġu l-ġisem kontra l-mard tal-qalb u l-kanċer speċjalment tal-musrana. Il-kafè huwa tajjeb ukoll kontra l-marda ta' Parkinson u kontra l-ġebel fil-marrara. Vantaġġ ieħor tal-kafè huwa li jekk tieħdu wara xi ikla dan iżommok imqajjem. Hemm min iqis din il-ħaġa bħala żvantaġġ, iżda fid-dinja kulħadd gostih. Issa l-mistoqsija tad-deheb hija: Kemm kafè nistgħu nixorbu kuljum biex nieħdu dawn il-vantaġġi u fl-istess ħin ma jagħmlilnix ħsara? Normalment min jixrob sa tlett kikkri kafè

LUMEN CHRISTI
BOOKSHOP

EASTER BOOKSALE 2001

Roħs ta' 10% fuq kotba mill-isbaħ għat-tfal u għall-kbar

mit-Tnejn, 26 ta' Marzu sas-Sibt, 21 t'April

9.30 a.m. - 12.30 p.m. - 7.00 p.m. - 9.00 p.m.

fil-*Lumen Christi Bookshop*, Triq Fortunato Mizzi, Victoria

kuljum jista' jgawdi t-togħma tajba u l-vantaġġi tal-kafè mingħajr ma jkun hemm periklu ta' xi ħsara għal saħħitna.

Ikla gambli ftit jafu l-valur siewi li għandha. Il-gambli fihom ammont kbir ta' vitamina E u l-minerali *Silenium*. Dawn huma ukoll *antioxidants* li jneħħu l-*free radicals* mill-ġisem. Dawn il-*free radicals* jistgħu jikkawżaw il-kanċer. Għalhekk meta tkun f'xi restorant, tajjeb li tiftakar li l-gambli huma tajbin għas-saħħa. Minkejja l-vantaġġi għas-saħħa, niskuża ruħi ma' dawk li ma jistgħux jieklu l-gambli minħabba li ma jaqblux magħhom. Naf nies li huma allerġiċi għall-gambli, u l-gambli jagħmluhom il-ħsara jekk jiekluhom. Iżda dan bħal kull ħaġa oħra li ma tkunx taqbel miegħek.

Issa nsemmi x-xorb ta' l-alkoħol. Din hija problema għax ħafna huma dawk li jixorbu alkoħol iktar milli suppost. Għalhekk il-parir tiegħi huwa biex inaqqsu! Jiena nirreferi għal dawk li minħabba li għandhom ftit tal-pressjoni, jew inkella morda bil-qalb, ma jieħdu xejn alkoħol. Ftit alkaħol kuljum jagħmel tajjeb għas-saħħa. Meta ngħid ftit; infisser tazza kuljum inbid aħmar jew grokk *whisky*. Dan ikun ta' ġid għaċ-ċirkulazzjoni, u jgħin biex l-kolesterol jibqa' bilanċjat. Hawn irrid ngħid li ż-żejjed ħu n-nieqes, u għalhekk ħadd ma rridu jifhimni li tista' tixrob flixkun inbid kuljum għax dan l-inbid ikun magħmul id-dar jew għax ikun imħallat mal-luminata!



Kif wieħed jinnota l-enfasi qiegħda fil-kwantita` li nieħdu mill-oġġett u, mhux li ma nieħdu xejn. Il-moderazzjoni hija s-sigriet ta' kollox u jekk nagħrfu nikkontrollaw lilna nfusna nkunu ngawdu l-ħajja u l-ikel mingħajr ma nkunu nagħmlu ħsara lil saħħitna.










# *Ir-Referee Għawdxi Anton Zammit fuq il-panel tal-FIFA*



Ir-*referee* Għawdxi Anton Zammit kiteb ismu fl-istorja sportiva Għawdxija meta sar l-ewwel *referee* Għawdxi li nħatar fuq il-Panel tal-FIFA bħala *referee* internazzjonali. Zammit ser jieħu post Charlie Agius li spiċċa minn *referee* internazzjonali minħabba l-età. Din l-aħbar ingħatat minn Dr. Joe Mifsud, President tal-MFA waqt laqgħa tal-Kunsill, nhar il-Ħamis 11 ta' Jannar li għadda. Aħna kellna l-opportunità li ninterivstaw lir-*referee* Zammit waqt il-programm Żona Sport li personalment qed nippreżenta kull nhar ta' Tnejn fuq Radio Calypso.

Anton Zammit twieled ir-Rabat, Għawdex fis-17 ta' Frar 1964. Hu miżżewweġ lil Noemi nee Said mir-Rabat ukoll u missier Nathanael u Jessica. Zammit sar *referee* f'Ottubru tal-1989 fl-età ta' 25 sena. Fl-1994 sar *Assistant Referee* tal-FIFA u fl-istaġun 1995/96 laħaq *Top Division Pool Referee* tal-MFA.

Mistoqsi dwar l-involviment tiegħu fil-football, huwa qalilna li minn dejjem kien iħobb il-football u fil-fatt meta kien tifel kien jilgħab ma' Victoria Hotspurs u wara mar mal-Calypsian Bosco Youths. Sfortunatament kellu jieqaf minħabba *injury* f'irkopptu. Imbagħad fl-1989 kien ġie mħajjar minn Frank Masini u Carmel Attard, żewġ *referees* Għawdxin, biex jagħmel il-kors ta' *referee*. Huwa fil-fatt kien attenda għal dan il-kors li kien sar f'Għawdex stess u wara kien ikkwalifika bħala *referee* tat-tielet klassi. Mistqosi dwar x'idejjqu fil-plejers, Zammit qalilna dawk li jitilfu l-ballun u jippruvaw jirbħu xi *foul* billi jaqgħu ma' l-art.

Dwar il-ġurnalisti Zammit jaħseb li dawn mhux kollha l-istess u mhux kulħadd jiġġudika bl-istess mod u kejl. Għalih hemm dawk tajbin li jikkritikaw b'mod kostruttiv imma hemm oħrajn li ma jaġixxux bl-istess mod. Però huwa aktar jagħti każ tal-kritika tal-*match inspector*, milli dik tal-ġurnalisti. Mistoqsi dwar l-eċċitament ta' qabel il-logħba, Zammit semma li din hija xi ħaġa normali, però bl-esperjenza din tibda tnaqqasha. Għall-mistoqsija jekk jagħmilx differenza jekk jirreffja fil-*Premier* tal-MFA jew logħba tal-*Youths*, hu qalilna li *referee* jiżbalja jekk jagħmel xi differenza għax kull logħba fiha l-importanza tagħha u trid tipprepara għaliha u tagħti l-attenzjoni kollha possibli.

Dwar l-isbaħ mument għal *referee* waqt il-logħba hu jaħseb li dawk id-deċiżjonijiet li tieħu u wara mis-*slow motion* tinduna li kont tajjeb minkejja li jitqiesu bħala deċiżjonijiet kontroversjali, dawn huma affarijiet sbieħ u jagħtu raġun lir-*referee*. Id-dagħa u l-offiżi bil-familja huma l-aktar affarijiet li jweġġgħu lir-*referee*. Zammit jaqbel li *referee* għandu jirreffja timijiet mir-raħal jew il-belt ta' fejn joqgħod jew li fil-passat kellu xi konnessjoni magħhom. Dan għal fatt li għalih ma tagħmel l-ebda differenza, għax *referee* ma jinteressahx min jirbaħ jew jitlef iżda mportanti hu li jirreffja tajjeb b'mod newtrali.

Zammit jaħseb ukoll li *referee* għandu jkellem lill-ġurnalisti fi tmiem il-partita fejn ikun jista' jiġi spjegat aħjar dwar xi deċiżjoni li tkun ittieħdet. Jaħseb li fil-futur ir-*referee* jibda jingħata dan iċ–ċans li jirrispondi mistoqsijiet li jsirulu mill-ġurnalisti. Dwar is-*slow motion* fiha jara l-pożittiv u n-negattiv. Pożittiv għax wieħed ikun jista' janalizża u jiġġudika d-deċiżjonijiet li *referee* jkun ħa.

Mistoqsi dwar liema partita s'issa tagħtu l-iktar sodisfazzjon, huwa qalilna li diffiċli jagħżel waħda għax għalih kull partita li jħoss li jkun mar tajjeb fejn id-deċiżjonijiet tiegħu jkunu ġew aċċettati mill-plejers din tagħtik sodisfazzjon. Imbagħad semmielna l-isbaħ mumenti fil-karriera fejn kull promozzjoni tagħtu sodisfazzjon. Semma wkoll id-debutt tiegħu fix-xena internazzjonali bħala *assistant referee* f'Wembley Stadium, kif ukoll bħala *assistant referee* fil-finali tal-Kampjonati Ewropej tad-D/18 fi Franza, u sintendi issa l-promozzjoni bħala *referee* internazzjonali fuq il-Panel tal-FIFA. Il-kelma tiegħu nstemgħet u l-FIFA ma naqsitx in-numru mill-erbgħa għal tlieta fir-rigward tar-*referees* Maltin fuq il-*Panel* tagħha kif kien previst.

Dwar is-sabiħ ta' *referee*, Zammit qal li jekk inti tieħu l-karriera bis-serjetà din tagħtik sodisfazzjon, personalità, dixxiplina u serjetà. Dwar l-ikraħ ta' *referee* jekk fil-fatt tista' ssejjaħlu hekk, hemm li minħabba d-diversi mpenji dan jirrekjedi li tkun 'il bogħod mill-familja u dan hu sagrifiċċju kbir. Dwar l-iktar deċiżjoni iebsa li jrid jieħu *referee* huwa jaħseb li kull deċiżjoni li jieħu *referee* hija xi ftit iebsa għax tim jaqbel miegħek u l-ieħor le, però dik li trid tkeċċi xi plejer jew li tagħti *penalty* fl-aħħar ħinijiet meta l-partita tkun għadha fi *draw*, dawn huma deċiżjonijiet iebsa li jridu jittieħdu għax jekk le, *referee* jista' ma jinżilx jirrefja aktar.

Mistoqsi jekk għandux xi *lucky charm*, Zammit qalilna li le, anzi, li għandu hu t-talb lill-Madonna Ta' Pinu, għax anke minħabba l-*injury* li kellu f'irkopptu bħal-lum sena, kif ukoll fl-istess waqt mietet oħtu Dorothy, kien ħa deċiżjoni li jidħol kuljum Ta' Pinu. Huwa fil-fatt talab lill-Madonna biex jaċċetta kull deċiżjoni li tista' tieħu l-FIFA kemm jekk jiġi aċċettat kif ukoll jekk le. Fil-fatt x'ħin sema' bl-aħbar li kien sar *referee* internazzjonali, beka bil-ferħ u immedjatament mar jirringrazzja lill-Madonna. Dwar l-ambizzjoni tiegħu issa li sar *referee* tal-FIFA huwa qal li dejjem trid tħares 'l quddiem u huwa mportanti li jżomm il-livell għax mhux il-*badge* tagħmel *referee* tal-FIFA, iżda trid iżżomm riġlejk ma' l-art. Trid ukoll tagħmel ħiltek kollha biex tirreffja bl-inqas żbalji u li titgħallem minnhom. Biex ma titkabbarx u li tgħin lil sħabek l-iktar dawk li għadhom jibdew il-karriera ta' *referee*.

Fi tmiem l-intervista tagħna, aħna staqsejna lil Anton Zammit x'parir jagħti liż-żgħażagħ b'mod partikulari lil dawk Għawdxin issa li jistgħu jħarsu lejh bħala mudell biex jaqbdu l-karriera ta' *referee*. Huwa appella li jekk wieħed ikun lest li jagħmel is-sagrifiċċji u jieħu l-karriera b'ambizzjoni fejn ikun iħares li jrid jasal sa fuq, wieħed jista' jirnexxi. Dan ukoll għax l-MFA tapprezza ħafna s-sagrifiċċji li wieħed jagħmel kif ukoll id-dedikazzjoni li wieħed jagħti għall-karriera, fejn hawn l-MFA ma tagħmilx distinzjoni jekk intix Għawdxi jew Malti, kif fil-fatt seħħ fil-każ tiegħu. Min-naħa tagħna fil-waqt li nifirħu u nawguraw mill-qalb lil Anton Zammit, nixtiqulu iktar suċċessi biex mhux biss jagħmel isem u unur għalih personali, iżda wkoll għal Għawdex Sportiv.





# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

- Lady Jane Grey saret Reġina ta' l-Ingilterra fl-10 ta' Lulju 1553 fl-eta' ta' 16-il sena. Damet reġina għal disat ijiem. Imbagħad ġiet arrestata u eventwalment maqtula.
- Barbier f'St Louis, Missouri, ivvinta fertilizżant illi jinkludi xagħar maqtugħ mill-istess klijenti. Billi x-xagħar fih ħafna nutrijenti bħan-*nitrogen*, il-barbier jgħid illi dan jgħin biex il-pjanti jikbru aħjar.
- King Camp Gillette, il-persuna li vvintat l-ewwel '*disposable safety razor*', miet fid-9 ta' Lulju 1932. Sa sentejn wara li ħareġ bl-invenzjoni tiegħu kien irnexxielu jbigħ biss 168 *blade*. Imma fis-sena ta' wara biegħ 12.4 miljun *blade*!
- Fl-10 ta' Settembru 1897 sewwieq tat-taxi Ingliż, George Smith, weħel l-ewwel multa għax kien qed isuq xurban.
- Id-demm tal-ġurat mhuwiex ta' lewn aħmar imma ta' lewn bajdani.
- Alice Wells kienet l-ewwel mara li daħlet f'korp tal-Pulizija fit-12 ta' Settembru 1910 fl-Amerika. Hi bdiet tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Pulizija ta' Los Angeles.
- Id-Danimarka għandha l-eqdem bandiera nazzjonali fid-dinja.
- Jekk għandek riħ, int tkun qed tbati minn "*acute nasopharyngitis*".
- L-Amerikani jieklu madwar 90 ettaru ta' pizza kuljum!
- Il-'*funny bone*' mhix għadma imma nervitura.
- F'Malta hawn biss 17-il persuna li jistgħu jiftaħru li għandhom karozza Ferrari.
- Il-Costa Rica m'għandha l-ebda armata nazzjonali.
- Kważi f'kull lingwa tad-dinja, il-kelma għal 'omm' tibda bl-ittra 'm'.
- M'hemm l-ebda '*soda*' fis-"*Soda Water*".
- Kwart mir-Russja hija mgħottija bil-foresti.



*Anke l-annimali jafu jkollhom ċerti manjieri tajba! Dawn iż-żewġ t'ifniek bojod fis-silġ tal-Artiku (North Pole) għandhom id-drawwa jieqfu fuq riġlejhom u jieħdu b'idejn xulxin meta jiltaqgħu! Min jaf għaliex, hux ?!*



# Bortelli Woodworks

**For all kind of Furniture and Home appliances, Office Desks and Chairs, Filing Cabinets and Cupboards.**



*Workshop:*
26, P.P. G.M. Camilleri Str.,
Għarb, Gozo.
**Tel./Fax: 560020**

*Showroom:*
Borg Oliver Str.,
Victoria, Gozo.
**Tel: 564664**

**Mobile: 0940 5295**

*Ask for Bernard...With 25 Years of Experience*




LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE
TRIQ FORTUNATO MIZZI, VICTORIA, VCT 111 - GHAWDEX
TEL: 560496/7 FAX: 561860

Kotba u rigali reliġjużi









**Ħinijiet tal-Ftuħ**
**mit-Tnejn sas-Sibt**
**9.30a.m. - 12.30p.m.**
**5.00p.m. - 9.00p.m.**

Kull xorta ta' Stationery u kiri ta' Videos edukattivi

Servizz ta' Photocopying u bejgħ ta' karta

PEG PUBLICATIONS

## Edizzjoni mill-isbaħ ta' Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd




• 80 paġna, illustrat bil-kulur
• 290 x 205; Hard Bound

**Ktieb b'aktar min skop wieħed:**

- **Ktieb għall-qari mill-istudenti tal-5 u s-6 Klassijiet ta' l-iskejjel Primarji u l-1 sat-3 sena ta' l-iskejjel sekondarji.**
- **Rigal eċċellenti mit-tfal għat-tfal f'okkażjonijiet bħal Preċett, Griżma u oħrajn.**
- **Ktieb li għandu jkun fil-librerija ta' kull tifel u tifla.**

Dan il-ktieb **ĦAREĠ** u jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba ewlenin.
Għal aktar tagħrif ċemplu fuq Tel: 490540 / 449043
E.mail: contact@peg.com.mt Home page: http://www.peg.com.mt